# IL-BIBBJA
# U
# N-NISA
# FIL-KNISJA

Minn
George Ebejer

# IR-RWOL TAN-NISA FIL-KNISJA

Ir-rwol tan-nisa fil-knisja huwa wieħed mill-kontroversji taż-żmien tagħna. Ħafna jiffokaw fuq l-istqarrija ta' l-appostlu Pawlu:

> "*Ħalli n-nisa jibqgħu siekta fil-knisja*"
> (1 Korintin 14:34)

u jgħidu bejnhom u bejn ruħhom għaliex l-irġiel saħansitra jħallu lin-nisa jkantaw innijiet waqt is-servizzi tal-knisja. Oħrajn jemmnu li l-appostlu Pawlu ma kienx jaf ir-realtà jew ċertament dak lis-soċjetà tagħna waslet fih. Xi wħud iħarsu lejn il-kitba ta' Pawlu li tgħid li fil-magħmudija:

> "*la hemm raġel u lanqas mara*" (Galatin 3:28)

u jiddikjaraw li aħna għandna jkollna predikaturi nisa u kull ħaġa oħra lin-nisa jridu li jkunu jew li jagħmlu.

Forsi aħna nkunu nistgħu nifhmu aħjar dan is-suġġett jekk l-ewwel nistudjaw u naslu biex nifhmu r-rwoli li n-nisa kellhom fil-Bibbja u li kienu mogħtija lilhom *minn Alla*.

## ĦOLQIEN TAL-MARA

Qabel ma nidħlu għas-suġġett, ħalli nagħmlu xi mistoqsijiet komuni: Għaliex u kif Alla ħalaq lill-mara? Hija l-mara inferjuri jew superjuri għar-raġel? Għandhom in-nisa post fir-reliġjon, jew għandhom huma jkunu sempliċiment preżenti jimxu wara r-

raġel? Jiena ċert li int ukoll għandek xi mistoqsijiet x'tagħ-mel tiegħek innifsek fuq dan is-suġġett.

X'nistgħu aħna nifhmu dwar dan is-suġġett mill-Iskrittura Mqaddsa? Ħalli l-ewwel immorru lura għall-bidu. F'Ġenesi 1:26-31, aħna nsibu l-ħolqien tal-bnie-dem:

> "*U Alla qal: Ħalli nagħmlu l-bniedem fuq xbihietna, u fuq suritna: u ħa jkoll-hom ħakma fuq…fuq ix-xbieha ta' Alla ħalqu; raġel u mara ħalaqhom. U Alla berikom u qalilhom Alla: Nisslu, u okt-ru, u imlew l-art, u aħkmuha…u, ara, kien tajjeb wisq.*"

Issa innota li: (1) Alla ħalaq lill-bniedem fuq is-sura u x-xbieha Tiegħu. (2) Alla ħalaq lill-bniedem raġel u mara. (3) Alla ta lill-bniedem li jaħkem fuq kull ħaġa ħajja u tah setgħa biex iżid u jimmultiplika. Mela, x'jgħidilna dan dwar ir-raġel u l-mara?

Jekk wieħed jaħseb sewwa dwaru, dan jgħidilna li huma kienu *ndaqs* bħala kreaturi u differenti fil-fun-zjoni (sess). Ma hemm xejn hawn li jista' jindika lir-raġel kien jista' jaħkem waħdu, jimmultiplika waħdu, jiddomina waħdu. Din is-silta tindika ċar sħubija. U tirrevela li differenza sesswali hija parti ta' l-ordni mwaqqfa fil-ħolqien. L-istess kif Alla (Lhudi: *Elohim* huwa fil-plural, "ħalli nagħmlu"). U t-tnejn (raġel u mara) għalkemm saru wieħed, jistgħu jimmultiplikaw, joħolqu aktar bnedmin fuq ix-xbieha tagħhom stess, kif għamel Alla.

Dan il-konċett importanti huwa irrivelat ukoll f'Ġenesi 2:18-24 fil-"ħolqien" ta' l-istituzzjoni taż-żwieġ. Hawn insibu r-rakkont ta' Alla jieħu waħda mill-kustilji ta' Adam u joħloq lill-mara. X'jissuġġerixxi li Alla jieħu kustilja biex joħloq lil Eva? Jidher li jissuġġerixxi ekwivalenza ta' ħolqien (il-kreaturi l-oħra kollha kienu maħluqa għalihom). Dan jissuġġerixxi r-rwol, il-funzjoni tal-mara: hija ma kinetx meħuda minn rasu biex jindika ħakma jew dominanza fuqu: hija ma kinetx meħuda minn siequ biex jindika li tkun mirfusa taħt is-saqajn; imma kienet meħuda minn ġen-bu biex jindika li hu kellu jħobbha u jipproteġiha—u hi kellha tappoġġjah. "Għajnuna" minnu u għalih. [Dan jissuġġerixxi wkoll li mingħajr il-mara, ir-raġel tonqsu xi ħaġa vitali].

## POŻIZZJONI BIBLIKA TA' KAP

Jissuġġerixxi dan subordinazzjoni funzjonali? Din la hija subordinazzjoni u lanqas ma hija dominanza ta' superjur fuq inferjur. Dan ir-rakkont pjuttost jindika: (1) Status ta' għajjutant tal-mara. (2) Ordni tal-ħolqien. (3) Għotja ta' isem ta' l-umanità (raġel/mara) jew fil-Lhudi *ish/isha*.

Fl-Ewwel Korintin 11:3-12 l-appostlu Pawlu, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, jindirizza "l-pożizzjoni ta' kap" tar-raġel għall-mara. Hu jifhem ċar il-funzjonalità maħluqa tar-raġel/mara:

> "*Għax ir-raġel mhux mill-mara; iżda l-mara mir-raġel. U l-anqas ir-raġel ma kien maħluq għall-mara; iżda l-mara*

> *għar-raġel…Madankollu, fil-Mulej, la r-raġel ma hu mingħajr il-mara, lanqas il-mara mingħajr ir-raġel. Għax bħalma l-mara hi mir-raġel, hekk ukoll hu r-raġel mill-mara; iżda kollox minn Alla*" (versi 8-12).

U wkoll, f'Efesin 5:21-28 l-appostlu jgħid,

> "*Tissottomettu ruħkom għal xulxin fil-biża' ta' Kristu. Nisa, issottomettu ruħkom għal żwieġkom, qiskom għall-Mulej. Għax ir-raġel hu ras martu, bħalma Kristu hu ras il-knisja:…Hekk għandhom ukoll l-irġiel iħobbu n-nisa tagħhom bħallikieku ġisimhom stess.*"

Dan ma kienx xi fabrikazzjoni ta' Pawlu, imma applikazzjoni ta' dak li rajna mill-ħolqien. Kolossin 1:13-18 juri l-pożizzjoni ta' kap ta' Kristu:

> "*Hu r-ras tal-ġisem, il-knisja,…u, wara li ġab is-sliem permezz tad-demm tas-salib tiegħu, ħabbeb il-ħwejjeġ kollha miegħu [il-Missier].*"

Fl-Ewwel Timotju 2:13, Pawlu jerġa' juri lir-raġel kien iffurmat l-ewwel, u għalkemm Eva kienet ingannata, Adam kien l-ewwel li dineb. Wieħed għandu jinnota kif Pawlu dejjem jappella għall-*ordni tal-ħolqien* u mhux għal xi raġuni oħra.

Issa, ħalli mmorru għall-ġisem fiżiku. Fil-ġisem fiżiku, qatt kustilja tirribella kontra jew tgħir kontra r-ras? Il-kustilja tinsab fi rwol li żżomm il-ġisem. Dan ma jagħ-milx lill-kustilja inferjuri għar-ras. Mingħajr il-

kustilji, il-ġisem ma jieqafx. Minn naħa l-oħra, tkasbar ir-ras jew tittratta ħażin lill-kustilja? Le, ir-ras tagħmel sforzi kbar biex tassigura li l-kustilji jkunu komdi kemm jista' jkun possibbli!

Għalhekk, l-ewwel lezzjoni li aħna nieħdu mill-Bibbja fuq dan is-suġġett hija li raġel/mara ma jfissirx super-juri/inferjuri. Aħna għandna naraw ċar li Alla ħalaq raġel u mara bħala funzjoni biex jikkumplimentaw lil xulxin biex tagħmel wieħed aħjar minn milli xi wieħed ikun mifrud.

## RAPPREŻENTAZZJONI

Issa ħalli nikkunsidraw xi apsetti oħra. Fit-Testment il-Qadim, l-irġiel irrappreżentaw it-tribù tagħhom, in-nazz-jon tagħhom. L-irġiel irċevew is-sinjal tal-patt f'ġisim-hom (ċirkonċiżjoni). In-nisa ma setgħux. Imma n-nisa qasmu ma' l-irġiel fil-barkiet u r-responsabbiltajiet tal-patt u kienu vitali għat-twettiq tal-barkiet tiegħu li kienu jinkludu ħajja twila, prosperità, tfal u art. Partikularment, in-nisa kienu mberkin f'li jkollhom it-tfal, li l-irġiel ma jistgħux (1 Timotju 2:15). In-nisa qasmu ndaqs ma' l-irġiel fil-barkiet tal-qima billi kienu jistrieħu (Eżodu 20: 10), li jisimgħu l-qari tal-liġi (Dewteronomju 31:9-13), u jifirħu quddiem il-Mulej.

## RWOL TAN-NISA

Xi rwoli, mela, kellhom in-nisa fil-familja u fil-komu-nità?

(1) Jitgħallmu u jżommu l-Liġi (Dewteronomju 31: 12; 13:6-11; 17:2; 29:18; 2 Kronaki 15:12-13). In-nisa [bħall-irġiel] dejjem kellhom jisimgħu, jit-għallmu u jżommu l-liġi.

(2) Jitolbu: in-nisa [bħall-irġiel] talbu. Aqra l-eżempji ta' Anna, Rebekka u sara f'Ġenesi 25:22; 30:6, 22; 21:6-7. U fit-2 Slaten 4:9-10, 20-23 naraw l-istorja li tqanqal tal-mara Sunamija, il-fidi u l-azz-jonijiet tagħha li wasslu għall-qawmien ta' binha minn Eliżew. Għal eżempju dwar kif nisa indipen-dentament talbu lil Alla, aqra r-rakkont ta' Anna fl-1 Slaten 1:9-11. Ir-riżultat tat-talba tagħha kien profeta jismu Samwel.

(3) Għalliema: Proverbji 1:8 jitkellem dwar l-istruzz-joni ta' l-omm.

(4) Huma kienu meħtieġa li jwettqu l-wegħdiet tagħ-hom (Numri 30:9; 6:2-21).

(5) Qima Pubblika: In-nisa kienu mistennija li jkunu preżenti fil-festi kif wieħed jista' jara minn Dew-teronomju12:7; 16:11-14; 1 Samwel 1:1. Huma ħadu parti f'xi sagrifiċċji kif naraw f'levitku 12:6; 15:29 u l-eżempju ta' Anna fl-1 Samwel 1:24-27 segwit bit-talba tagħha f'kapitlu 2:1-10. In-nisa ikkontribwixxew għall-materjal għat-twaqqif tat-tabernaklu kif hu mniżżel f'Eżodu 35:22, 25-26. nisa servew fid-dħul tat-tinda tal-laqgħa (1 Sam-wel 2:22. L-ulied ta' Għeli wżaw ħażin is-servizzi tan-nisa, iżda xorta huma kienu qegħdin hemm, probabbilment biex ikantaw). Nisa kienu qegħdin ikantaw u jagħtu tifħir bil-

kant kif naraw f'Eżodu 2:65; 1 Kronaki 25:5-6; 2 Kronaki 35:25 u Eżodu 15:20.

(6) Uffiċju tal-Komunità: Ħulda kienet profetessa sinjifikanti ta' Iżrael fl-istess żmien ta' Ġeremija (2 Slaten 22:14). Profetessa oħra kienet Nogħadja f'Neħemija 6:14. Debora serviet bħala mħallef kif naqraw f'imħallfin 4:4-6.

## NISA QASSISIN?

Imma ebda qassisin nisa. Għalkemm eżaminajna d-diversi u ħafna rwoli li kellhom in-nisa f'Iżrael l-antik, aħna qatt ma nsibu mara li serviet bħala qassis.

Ikkunsidra kif Alla waqqaf u għażel is-saċerdozju. Fiż-zminijiet ta' l-antik, il-patrijarka kien ukoll il-qassis tal-familja. Noè, Abraham, Ġakobb, Ġob—irrappreżentaw il-familja. Imbagħad, mat-twaqqif tan-nazzjon ta' Iżrael, li kien intenzjonat li jkun "saltna ta' qassisn" (Eżodu 19:6), il-Leviti kienu magħżulin minn Alla biex jaqduh fit-Tabernaklu Tiegħu. Id-dixxendenti rġiel ta' Arun, membru tat-tribù ta' Levi, kienu magħżulin biex ikunu l-qassisin uffiċjali.

Fiż-żminijiet tat-Testment il-Ġdid, fost dawk li huma Kristjani "la hemm raġel u lanqas mara" (Galatin 3:28). Ġesù "għamilna slaten u qassisin għal Alla" (Rivelazzjoni 1:6). Iżda s-sitwazzjoni fil-knisja hija analoga jew li tixbaħ lil Iżrael l-antik. Għalkemm Iżrael kien nazzjon ta' qassisin, ċerti ndividwi biss wettqu dmirijiet uffiċjali ta' qassis. Fit-Testment il-Ġdid, l-Iżrael spiritwali, (Rum-ani 2:28-29; 9:6-8; Efesin 2:14-22) it-tnax-il appostlu ta' Kristu kienu kollha rġiel. Għalkemm nisa

ċertament żammew pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fil-knisja tal-bidu (eż. Febe, Rumani 16:1), ma hemm ebda indi-kazzjoni li huma qatt mexxew servizz formali tal-knisja. Kien hemm u għad hemm ħafna spekulazzjoni minn sku-lari dwar x'kienu eżattament iċ-ċirkustanzi li mmotivaw l-istruzzjonijiet ta' Pawlu lin-nisa biex iżommu siekta. Fil-knejjes ta' Kristu aħna nobdu dan il-kmandament mogħti b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu (1 Korintin 15: 37).

## SOMMARJU

L-irġiel kienu l-irjus rappreżentattivi tal-Familja. In-nisa qatt ma kienu, sa mill-ħolqien intenzjonati biex iku-nu r-ras tal-familja. Dak kollu li aħna rajna jista joqgħod fil-"funzjoni" maħluqa "tar-rwol" li aħna rajna fil-ħol-qien.

Aħna studjajna l-ħolqien u nnutajna r-rwoli ntenzjo-nati minn Alla ta' raġel u ta' mara. Il-mara mir-raġel u għar-raġel, imma egwali fil-valur, madankollu, differenti fil-funzjoni. Ir-raġel għandu jservi lill-mara u jagħti lilu nnifsu għaliha, kif Kristu serva u ta Lilu nnifsu għall-knisja.

> "*Il-mara m'għandiex setgħa fuq ġisim-ha, iżda r-raġel: u l-istess ukoll ir-raġel m'għandux setgħa fuq ġismu, iżda l-mara*" (1 Korintin 7:4).

Irġiel u nisa għandhom iservu lil Alla, ġewwa jew barra mill-knisja. Irġiel u nisa għandhom joqgħodu għal xulxin, ġewwa u barra mill-knisja.

Fl-1 Korintin 12, fl-analoġija tiegħu tal-ġisem, l-appo-stlu Pawlu wera kif aħna għandna naċċettaw il-funzjoni-jiet tagħna u naħdmu flimkien. Il-funzjonijiet tal-ħolqien mhumiex ir-riżultat ta' saħta. Ir-relazzjoni ordnata minn Alla bejn ir-raġel u martu tgħinna nifhmu r-relazzjoni bejn Kristu u l-għarusa Tiegħu, il-knisja Tiegħu. Kif aħna nimmeditaw fuq dan, naslu biex naraw in-natura ta' Alla, ir-relazzjoni Tiegħu lejn il-kreaturi Tiegħu, u l-għan Tiegħu għar-relazzjoni futura bejnu u bejn il-bnedmin kollha.

## KIENU N-NISA JIDHRU, IMMA MHUX MISMUGĦUHA?

## IN-NISA FIL-BIBBJA

Fl-istudju ta' qabel aħna rajna t-testi ta' l-Iskrittura li jiddefinixxu r-rwoli tan-nisa fis-soċjetà. Biċ-ċar, il-mara kienet maħluqa egwali fil-valur għar-raġel (Ġenesi 1:27). Ir-raġel, iżda, ma kienx kif għandu jkun waħdu (Ġenesi 2:18). Weħidha mill-kreaturi kollha, il-mara kienet maħ-luqa *minn* u *għar*-raġel. L-oħrajn kollha, inkluż ir-raġel, kienu maħluqa mit-"trab." Għalkemm egwali, il-mara kienet maħluqa bi rwol speċjali u differenti mir-raġel.

F'Iżrael l-antik, l-irġiel wettqu l-funzjonijiet uffiċjali tas-saċerdozju, imma n-nisa ma kinux sempliċiment żie-da għar-reliġjon. Aħna rajna li kien mistenni minnhom li jitgħallmu u jħarsu l-istruzzjonijiet tat-*Torah* u jgħallmu lil uliedhom. Huma kienu jkantaw u jservu fid-dar tal-qima. Huma servew bħala profetessi. Waħda, (talinqas) kienet imħallfa. Irġiel ġew għandhom

għall-Kelma tal-Mulej. Imma n-nisa qatt ma kienu qassisin fir-reliġjon ta' Alla. Il-qassisin irrappreżentaw lin-nies ta' Alla, u l-Alla lin-nies. In-nisa, probabbilment minħabba r-rwol speċjali maħluq tagħhom qatt ma kienu f'dik il-pożizzjoni.

Ukoll għalkemm aħna nsibu dawn l-aspetti pożittivi kollha dwar in-nisa fit-Testment il-Qadim, madankollu, insibu li fiż-żmien tal-Messija, u aktar wara, il-mexxejja reliġjużi (rabbi, Fariżej, qassisin) kienu irrelegaw lin-nisa bħala ċittadini tat-tieni klassi. Rabbi Eliezer ben Azariah, per eżempju, esprima dan is-sentiment: "L-irġiel jiġu fis-sinagoga biex jitgħallmu, in-nisa biex jisimgħu" (Mish-na)!

## L-ISTIMA TA' ĠESÙ GĦAN-NISA

Il-Messija—Ġesù Kristu—ġab lura lin-nisa għall-ista-tus tagħhom bħala egwali fil-valur. F'Mattew 12:49-50, bi tweġiba għall-stqarrija dwar il-qraba Tiegħu li kienu barra, aħna naqraw li,

> "*medd idu lejn id-dixxipli tiegħu, u qal: "Ara, ommi u ħuti. Għax kull min jagħ-mel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smew-wiet, dak ħija, u oħti, u ommi.*"

Ġesù ma jagħmel ebda distinzjoni skond il-ġeneri (mas-kil jew femminil) dwar l-egwalità fost id-dixxipli tiegħu.

Fi Ġwanni 4:7-30 għandna rakkont li huwa profond mhux ħażin dwar kif Ġesù kien iħares lejn l-istat tan-nisa. Hawn għandna rakkont li fuqu ħafna jistgħu jħarsu bħala dak li jista' jidher li hu ċanfira. Imma innota li

Ġesù attwalment ikkonsidra din il-mara Samaritana kap-aċi li tifhem "l-ilma ħaj," "il-post proprju għall-qima," u n-natura spiritwali ta' Alla. Sakemm int ma tiftakarx id-disprezz tar-rabbi lejn in-nisa, u d-disprezz akbar tagħ-hom lejn in-nisa Samaritani, dan jista' ma jidhirx daqs-hekk ta' min jinnotah. Imma ikkonsidra li Ġesù dam mhux ħażin jirraġuna magħha.

Ukoll, fir-rakkont tal-ħidma Tiegħu fuq il-mara Kan-għanija u l-effett li kien hemm fuq xulxin f'Mattew 15: 21-28 u Mark 7:24-30 fejn Ġesù ħalla Lilu nnifsu li jkun ipperswadut minn din il-mara biex iwieġeb għat-talba tagħha. Dawn ir-rakkonti juru l-apprezzament ta' Ġesù għall-kapaċitajiet tan-nisa.

Eżempji oħra ta' l-apprezzament ta' Ġesù għall-fidi u l-lealtà u d-devozzjoni tan-nisa jistgħu jinsabu fir-rak-kont tal-mara li kellha nixxija tad-demm u fittxet li tmiss-lu "l-mantar" biex tkun imfejqa. Ġesù qalilha, "Binti, il-fidi tiegħek fejqitek: mur bis-sliem u kun imfejqa mill-marda tiegħek" (Mark 5:25-34).

Ukoll għandna l-eżempju tal-mara li ħaslitlu riġlejh bi dmugħha u ixxottathomlu b'xuxitha. Ġesù qal lil dak li stiednu dwar din il-mara, "Għalhekk ngħidlek li dnubie-tha, li kienu ħafna, inħafrulha, *għax ħabbet ħafna*: imma min jinħafrulu ftit, ftit iħobb." U lill-mara Ġesù qal, "Il-fidi tiegħek salvatek: mur bis-sliem" (Luqa 7:36-50).

## IL-PARTI TAN-NISA FIL-MINISTERU TA' KRISTU

Għalkemm Kristu ma qalx lill-mara "irgħa n-ngħaġ tiegħi" (Ġwanni 21:17), lanqas ma għażel xi nisa bħala appostli, huma kienu ċentrali u attivi f'li jappoġġjaw il-ministeru ta' Kristu u dak tal-knisja tat-Testment il-Ġdid.

Aħna nsibu lill-Messija u d-dixxipli Tiegħu jaċċettaw għajnuna finanzjarja u għajnuna oħra mingħand in-nisa. Aħna nsibu f'Mattew kapitlu tmienja lil Kristu jfejjaq l-omm il-mara ta' Pietru. Meta hi kienet imfejqa qamet u "bdiet isservih" (Mattew 8:14-15). F'Luqa 8 nsibu grupp ta' nisa jimxu wara Ġesù u huma "kienu jaqduhom minn ġidhom" (vers 3). Il-kelma għal dan is-servizz fil-Grieg hija minn *diakoneo* li minnha l-kliem djaknu u jdako-nessa huma ġejjin.

Nisa kienu fil-kurċifissjoni u fil-qawmien. Kienu n-nisa li ppreparaw fwejjaħ u żjut biex jidilku l-ġisem ta' Kristu. Dawn kienu dawk li kienu l-ewwel qrib il-qabar. Kienet mara li rat l-ewwel u għarfet lis-Salvatur wara l-qawmien Tiegħu mill-imwiet. Meta Ġesù qam ħalla t-tħabbira tal-qawmien Tiegħu f'idejn mara u *hi* kienet mogħtija struzzjoni biex "morru malajr għidu lid-dixxipli tiegħu li hu qam mill-imwiet" (ara Mattew 28:5-7 u Ġwanni 20:1-18).

Mhux ta' sorpriża mela, li Ġesù juża l-mara fil-para-bboli Tiegħu tal-munita l-mitlufa, tax-xebbiet għaqlin u boloh, ta' l-imħallef mhux ġust, u tal-ħabba ta' l-armla. Dawn l-istqarrjiet dwar in-nisa huma kolha rispett u app-rezzament.

## L-APPOSTLU PAWLU U N-NISA

L-appostlu Pawlu tkellem ċar ħafna. F'Galatin 3:28, l-egwalità tan-nisa quddiem Alla hija affermata b'mod l-aktar ċar:

> "*…ma hemmx raġel u anqas mara.*"

Fl-1 Korintin 11:5 naqraw:

> "*Kull mara li titlob jew tipprofetizza b'rasha mikxufa tagħmel għajb lil rasha …*"

X'kien dan it-"talb," jekk n-nisa kollha jitolbu fil-privat, id-dar? X'kien dan "l-ipprofetizzar" jekk in-nisa huma sempliċiment irrelagati għall-pożizzjoni baxxa? Dan sempliċiment ma jagħmel ebda sens f'dak il-mod.

Għalkemm apparentament esklużi mir-rwol awtorevo-li ta' tagħlim ta' isqof jew anzjan (1 Timotju 2:11-12; 1 Korintin 14:34), in-nisa huma nklużi bħala "ħaddiema sħabi" f'Rumani 16:3, 6, 16. Febe hija msejħa djako-nessa (isservi jew taqdi, Grieg *diakoneo* huwa l-għerq), f'Rumani 16:1. L-appostlu Pawlu jgħid, dwar in-nisa:

> "*U lilek ukoll, sieħeb fidil, nitolbok tgħin lil dawk in-nisa li tħabtu miegħi fix-xandir ta' l-evanġelju, u ma' Kle-ment ukoll, u ma' sħabi l-oħrajn li ħad-mu miegħi, li isimhom hu fi ktieb il-ħajja*" (Filippin 4:3).

Kuntrarju għal kif jaħsbu xi wħud illum, Pawlu appo-ġġja bis-sħiħ is-siwi tan-nisa u l-egwalità tagħhom fis-salvazzjoni, imma irrealizza li l-irġiel u n-nisa *għandhom rwoli differenti u sfidi differenti*. Għalkemm

kiteb li l-Kristjani kollha għandhom jissottomettu ruħhom għal xulxin (Efesin 5:21), hu għaraf, b'ispirazzjoni mill-Ispir-tu s-Santu, lin-nisa speċjalment għandhom jissottomettu ruħhom għal żwiegħom (Efesin 5:22-24; Kolossin 3:18). L-istess ukoll, għalkemm il-Kristjani kollha għandhom iħobbu lil xulxin (Rumani 13:8), l-irġiel speċjalment għandhom iħobbu lin-nisa tagħhom (Efesin 5:25).

M'għandu dan ikun ta' sorpriża għal ħadd. Ma jaqbilx dan ma' l-eżaminar tagħna ta' l-ordni tal-ħolqien, ir-rwol tan-nisa fiż-żminijiet tat-Tetment il-Qadim? Hawn aħna għandna ħafna informazzjoni. In-nisa *ma kinux* qegħdin jagħmlu dmirijiet saċerdotali fit-Tabernaklu jew Tempju. In-nisa *ma kinux* qegħdin jirrappreżentaw lill-familji tagħhom lil Alla (Dewteronomju 16:16).

Fit-Testment il-Qadim nisa pprofetizzaw, iġġudikaw (ukoll qalu l-Kelma ta' Alla lil irġiel). Fit-Testment il-Ġdid nisa ipprofetizzaw (Atti 21:9) u fissru l-Iskrittura lil irġiel (Atti 18:26), għalkemm mhux dejjem b'mod kor-rett (Rivelazzjoni18:20). In-nisa huma wkoll imħeġġa biex jgħallmu lin-nisa żgħażagħ (Titu 2:4). Irġiel u nisa għandhom jgħallmu lit-tfal tagħhom (Efesin 6:1), għal-kemm l-irġiel għandhom l-akbar responsabbiltà (Efesin 6:4). Ma hemm, iżda, ebda eżempju ta' xi mara tispjega jew tfisser l-Iskrittura f'mod ta' priedka. Dan mhuwiex ir-rwol tal-mara.

Imma xi ngħidu dwar forom oħra ta' servizz fil-laqgħat tal-knisja? Huwa sewwa għan-nisa li jkantaw fis-servizz? Il-mudell Skritturali ta' servizz fit-Tabernaklu u fit-Tempju dan jnkorraġġixxih.

Fi studju tal-Bibbja jew diskussjoni fuq il-Bibbja jistgħu n-nisa jkollhom opinjoni u jkun sewwa għalihom li jesprimu lilhom infushom, biex iwieġbu u jistaqsu mistoqsijiet? Fl-Iskrittura aħna għandna eżempji fejn in-nisa irreċiprokaw f'dan il-mod ma' Ġesù (Mattew 20:20-21; 26:6-13; Ġwanni 11:3; 12:1-8). L-istruzzjonijiet tal-Bib-bja huma ċari għall-irġiel u għan-nisa. Kollox għandu jsir bid-diċenza u fl-ordni (1 Korintin 14:40). Il-mistoqsijiet m'għandhomx ikunu ta' dik ix-xorta ta' trivjalità domes-tika, jiġifieri, li jtellfu l-interess u l-importanza ta' dak li jkun qiegħed jiġi studjat u li mara tista' tagħmilhom id-dar lil żewġha jew lil min ikun qiegħed jgħallem fejn issibu waħdu u tagħmillu dawn il-mistoqsijiet (1 Korintin 14:45). Il-mara m'għandix tuża l-parteċipazzjoni fl-attivi-tajiet tal-knisja bħala opportunità biex tieħu l-awtorità jew il-kontroll f'idejha jew li tieħu sehem fil-politika tal-knisja (1 Timotju 2:12; 3 Ġwanni 9).

Biċ-ċar, jekk nagħmlu reviżjoni ta' l-iskop kollu tan-nisa fl-Iskrittura u l-istorja tan-nisa fil-knisja tal-bidu, aħna għandna nikkonkludu lin-nisa *mhumiex* Kristjani tat-tieni klassi imma huma wlied Alla l-istess daqs kemm huma wlied Alla l-irġiel (Galatin 3:26-27).

Huwa d-dmir sagrosant ta' l-irġiel u tan-nisa li jifhmu sewwa u jirrispettaw l-iskop li Alla għandu għan-nisa. Hemm differenzi fil-funzjoni? Iva, u dan hu ċar ħafna fl-Iskrittura. Imma mhux "superjorità" u mhux "inferjori-tà!" Kif aħna nirsistu ħalli nifhmu l-użu xieraq tal-parti-jiet funzjonali tal-Ġisem Spiritwali, ħalli qatt ma ninsewh dan. Alla jħobna *lkoll* bħala wliedu l-istess.

# IN-NISA U T-TALB

**Mistoqsija**: Skond l-Iskrittura Mqaddsa għandha mara tmexxi t-talb fil-laqgħat tal-knisja—fejn l-irġiel ikunu preżenti?

**Tweġiba**: Le, ħaġa bħal din mhijiex f'armonija ma' l-Iskrittura u kull prattika bħal din hija kuntrarju għar-restrizzjoni divina; li Alla poġġa fuq ix-xogħol tal-mara.

Jekk il-Bibbja tgħallem li aħna salvi bl-opri (Ġakbu 2:14-26), u jekk il-Bibbja tgħallem li aħna *m'aħniex* salvi bl-opri (Efesin 2:8-9)—allura jsir ovvju li hemm XORTA differenti ta' opri. Hemm opri li huma NKLUŻI, u hemm opri li huma ESKLUŻI.

L-istess, jekk il-Bibbja tgħallem lin-nisa għandhom jitolbu (u l-Kristjani kollha huma ordnati li jitolbu), u jekk il-Bibbja tgħallem lin-nisa M'GĦANDHOMX jitol-bu—allura jsir ovvju li hemm XORTA differenti ta' kif titlob sakemm jikkonċerna l-mara Kristjana. Hemm XORTA ta' talb li l-mara għandha tagħmel, u hemm XORTA ta' talb li l-mara hija ipprojbita milli tagħmlu.

Fl-1 Timotju 2:8 Pawlu jgħid hekk:

> "*Irrid mela li l-irġiel jitolbu kullimkien, billi jgħollu idejn qaddisa, bla għadab u dubju.*"

Aħna niġbdu l-attenzjoni partikolarment għall-kelma "ir-ġiel" hawn. Din mhijiex il-kelma ordinarja għal "raġel" ("raġel" fis-sens ta' l-umanità, f'sens ta' bniedem), imma pjuttost hija l-kelma "anar" li hija

wżata biex tiddistingwi raġel minn mara. Riferenza f'din is-silta hija għar-"raġel" kif hu distint mill-mara. Għalhekk, huwa ċar li hemm xorta ta' talb li l-mara m'għandix tagħmel.

F'vers 12 ta' l-Ewwel Timotju 2 Pawlu jkompli:

> "*Jien ma nħallix mara tgħallem, lanqas ikollha setgħa fuq ir-raġel, imma toq-għod siekta.*"

Din is-silta definittivament tipprojbixxi lill-mara *milli tgħallem*—iżda r-riferenza hija għal XORTA ta' tagħlim partikulari. It-Testment Grieg huwa wisq aktar ċar fuq il-punt li aħna qegħdin nagħmlu milli minn traduzzjoni f'xi lingwa oħra. It-Testment Grieg jgħid:

> "*Imma jien ma nippermettix li mara tgħallem, lanqas f'xi mod ieħor li jkoll-ha dominju fuq raġel…*"

Il-kelma "lanqas" hija t-traduzzjoni tal-kelma Griega "oude," li hija ta' tifsira fil-qawwa. Il-kelma (jew kons-truzzjoni) hija ta' natura li tispjega.

Jekk in-nisa huma ikkmandati biex jgħallmu (Titu 2: 3), u jekk in-nisa huma pprojbiti milli jgħallmu (1 Timot-ju 2:12)—allura l-konklużjoni unika hija li hemm XOR-TA ta' tagħlim lin-nisa *jistgħu* u *għandhom* jagħmlu, u hemm XORTA ta' tagħlim lin-nisa huma *ipprojbiti* li jagħmluh. Il-kelma "oude" fl-1 Timotju 2:12—"f'ċaħda kontinwa"—għandha tgħinna biex nifhmu dan il-punt.

Għalhekk, huwa ċar lix-xorta ta' tagħlim li huwa ipp-rojbit huwa x-xorta li neċessarjament u li fih innifsu jin-volvi l-eżerċizzju ta' dominju fuq ir-raġel. Ukoll, huwa

l-każ lix-xorta ta' talb li huwa ipprojbit huwa dak li neċes-sarjament u fih innifsu jinvolvi li jkun hemm dominju fuq ir-raġel.

Fl-1 Timotju 2:12 l-appostlu Pawlu ma jgħidx, "Imma jiena ma nħallix mara li tgħallem fuq raġel." Hu jgħid, "Imma jien ma nħallix mara tgħallem…" Żewġ ħwejjeġ mhumiex imħollija: (1) tagħlim u (2) li jkollha dominju fuq ir-raġel. Il-kelma "fuq" fil-Grieg ma tmurx ma' "tgħallem," imma tmur ma' li taħkem," li "jkollha dominju." Fil-fatt, "li taħkem fuq" hija t-tra-duzzjoni tal-*kelma waħda* "*authentein*," Grammatika-ment, il-"fuq" tmur ma' "li taħkem," jew li "tiddomi-na," mhux ma' li "tgħallem." Dan hu għaliex huwa tant importanti li aħna nagħrfu l-qawwa li tispjega ta' "oude." Meta Pawlu jgħid, "Imma jien ma nħalliex mara tgħallem lanqas (f'xi mod ieħor) li taħkem fuq ir-raġel"—imbagħad jiena nkun naf lix-XORTA ta' tagħ-lim li huwa ipprojbit huwa x-xorta li fih jinvolvi mara li jkollha dominju jew ħakma fuq raġel.

Dan ma jfissirx li mara ma tistax tgħallem raġel, għaliex Prixxilla għallmet lil Apollo. Ma jfissirx li ma-ra ma tistax tgħallem il-Kelma ta' Alla lil raġel għaliex Prixxilla għallmet il-Kelma ta' Alla lil Apollo. (Atti 18:24-26). Imma dan ifisser li l-mara hija ipprojbita milli tgħamel xi tagħlim jew talb jew kull ħaġa oħra li jpoġġiha fil-pożizzjoni li jkollha dominju fuq ir-raġel.

Il-mara Kristjana tista' (u għandha) tgħallem, imma hi ma tistax (bl-approvazzjoni ta' Alla) tgħallem b'tali mod li jkollha dominju fuq ir-raġel. Il-mara Kristjana

għandha titlob, imma hi m'għandix titlob b'tali mod li jkollha dominju fuq ir-raġel. Li mara tieħu parti ta' ħakma fit-tagħlim meta l-irġiel ikunu preżenti biċ-ċar huwa ipprojbit. Li tmexxi t-talb meta l-irġiel huma preżenti huwa biċ-ċar ipprojbit. Dan ikun li teżerċità dominju fuq ir-raġel u dan fih innifsu dejjem kien ipprojbit minn Alla—sa mill-ħolqien tal-bniedem. L-appostlu Pawlu nnifsu jenfasizza li din ir-restrizzjoni mhijiex *esklussivament* prinċipju tat-Testment il-Ġdid,

> "*Għax Adam kien imsawwar l-ewwel, imbagħad Eva*" (1 Timtoju 2:13).

Imma, suppost li anzjan (isqof) jew ir-raġel ta' mara jitolbuha biex tmexxi talba? Ebda anzjan u ebda raġel m'għandu d-dritt li jitlob mara biex tagħmel xi ħaġa li hija kuntrarju għal liġi ta' Alla. Ebda anzjan ma għandu dritt biex jipprova jqiegħed mara f'sitwazzjoni ta' tagħlim li fiha hija saħansitra tista' tieħu s-sogru li jkollha dominju fuq ir-raġel.

Huwa l-ġudizzju tiegħi li 1 Timotju 2:8-15 qiegħed jiddiskuti, bażikament, kondotta ma' relazzjoni f'sitwaz-zjoni għall-qima (il-qima regolari). Iżda, l-appostlu Pawlu jagħmilha ċara li l-prinċipju enfasizzat huwa app-likabbli għall-waqtiet kollha, fil-postijiet kollha, u fiċ-ċir-kustanzi kollha. F'ebda ħin, f'ebda post, u f'ebda ċirkus-tanza ma għandha l-mara tpoġġi lilha nfisha (jew tħalli lilha nfisha li tkun impoġġija) f'pożizzjoni li fiha hija tista' tissogra li teżerċita dominju fuq ir-raġel. Xi kultant ikun hemm xi nisa li jieħdu r-riedni f'idejhom waqt diskussjonijiet dwar il-

Kelma ta’ Alla u ma jħallux lil l-irġiel preżenti li jitkellmu. Jekk mara ma tkunx kapaċi li tikkontrolla lilha nfisha waqt diskussjonijiet bħal dawn, allura dik il-mara tkun qed tmur kontra t-tagħlim tal-Kelma ta’ Alla. Nisa bħal dawk ikunu qegħdin jagħmlu eżattament dak li l-Kelma ta’ Alla tikkundanna. Ikunu qegħdin imorru kontra l-Kelma ta’ Alla għas-sempliċi raġuni li huma jkunu qegħdin jieħdu l-awtorità li mhix tagħhom! Huma jkunu qegħdin jeżerċitaw dominju fuq ir-raġel.

## IL-MARA—BĦALA LI TIRBAĦ L-ERWIEĦ

Miż-żmien li Alla ħalaq lil Adam u lil Eva u poġġi-hom fil-Ġnien ta’ Għeden, il-mara kellha rwol importanti fix-xogħol tal-Mulej. Meta nibdew biex nikkunsidraw it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid, aħna nistgħu naraw ħafna nisa kbar u ta’ l-għaġeb.

Kienet Anna li tat lid-dinja Samwel (1 Samwel 1:20). Kienet Ġokebed li tat lil Iżrael lil kbir mexxej u li ta’ l-liġi, Mosè (Numri 26:59). Kienet in-nanna Lojs, u l-omm Ewnike li taw lid-dinja Timotju (2 Timtoju 1:5). Kienet Marija li tat lid-dinja Salvatur fi Kristu (Mattew 1:21-25; Luqa 2:7). Iva, in-nisa dejjem kellhom parti importanti ħafna fix-xogħol ta’ l-Alla tas-Smewwiet u huma dejjem ikollhom.

Meta nikkunsidraw il-knisja ta’ Kristu f’ħafna lokali-tajiet u x-xogħol li sar, wara dan aħna nsibu f’ħafna drabi mara qaddisa waħda jew aktar. Kieku ma kienx għal nisa tajba, jiena niddubita kemm il-knisja kienet tista’ tkompli tmur ’il quddiem.

Nisa f'kull ġenerazzjoni kellhom parti f'li jferrxu l-Kelma ta' Alla. Jiena ma nafx eżattament sa fejn omm Mosè kellha parti fil-fidi kbira tiegħu, imma dan jiena naf, hija kabbritu wkoll għalkemm hu għex fid-dar ta' Fargħun (Eżodu 2:7-10). Ma jista' jkun hemm ebda dubju li hi għallmitu jħobb lil Alla u li jkun leali Lejh u lejn il-poplu Tiegħu. Indirettament, kumpliment huwa mogħti lilha meta l-Bibbja tgħid,

> "*Bil-fidi Mosè, meta kiber, ma riedx jissejjaħ bin bint Fargħun; U ħatar aktar li jġarrab in-niket mal-poplu ta' Alla, milli jgawdi għal ftit żmien il-pja-ċiri tad-dnub; U qies il-għajb ta' Kristu bħala għana aqwa mit-teżori ta' l-Eġittu; għax hu kien iħares lejn il-ħlas.* (Lhud 11:24-26).

Aħseb dwar dawk in-nies kollha li tgħallmu dwar Alla permezz ta' Mosè. Bla ebda dubju, omm Mosè jixirqilha xi ftit mit-tifħir.

Wieħed mill-aktar karattri interessanti fit-Testment il-Qadim il-biċċa l-kbira ma kinetx innutata minn ħafna. Din kienet seftura żgħira fid-dar ta' Nagħman l-imġid-dem. Kif naqraw dwar il-kaptan Nagħman aħna nitgħal-lmu li hu kellu marda fatali. Hu kien qabad mara Lhudija u din kienet qaddejja fid-dar. Ukoll għalkemm il-post tagħha fil-ħajja kien wieħed baxx u bla dubju hija kienet tħossha weħidha, hija ftakret f'Alla tagħha u l-qaddejja ta' l-Aktar Għoli. Hija qalet lil mart il-Kaptan Nagħman li hi xtaqet li kieku hu jara u jkellem lil wieħed mill-profeti ta' Alla biex b'hekk ikun jista'

jfejqu mill-marda tiegħu (2 Slaten 5:3). Kien permezz ta' din il-qaddejja li dan ir-raġel kbir kien imfejjaq u tgħallem dwar il-veru Alla ħaj.

Meta naraw it-Testment il-Ġdid, aħna nsibu nisa kbar u tajba fix-xogħol tal-Mulej. Kienet Priskilla li għenet lil żewġha jgħallem lil Apollos it-triq tal-Mulej aktar per-fettament (Atti 18:26). Meta l-Evanġelju kien ippridkat minn Filippu l-evanġelista, kemm irġiel u kemm nisa obdewh (Atti 8:12). Mingħajr dubju, xi wħud minn dawn in-nisa kienu strumentali fit-tkabbir tal-fruntieri tas-salt-na. Darba, meta Pawlu kien fuq wieħed mill-vjaġġi miss-junarji tiegħu, hu kien ordnat biex imur ħdejn ix-xatt ta' xmara. Kien hemm li hu sab mara tajba li kien jisimha Lidja flimkien ma' xi nisa oħra li kienu qegħdin iqimu lil Alla kif huma kienu jafu l-aħjar li setgħu jagħmlu (Atti 16:11-14). Meta Lidja semgħet l-Evanġelju jkun ipprid-kat u mgħallem, hija obdietu flimkien ma' oħrajn (Atti 16:14-15). Ma hemm ebda mod kif taċċerta kemm din il-mara għamlet tajjeb fil-kawża tal-Mulej. Ebda rakkont tan-nisa tat-Testment il-Ġdid ma jkun komplut mingħajr ma jissemmew in-nisa fil-grupp li kienu flimkien sewwa-sew wara li l-Mulej tagħna mar lura fis-Smewwiet (Atti 1:4). Kemm kien hemm, aħna ma nafux, imma din il-ħaġa waħda aħna nistgħu nkunu ċerti minnha—huma kienu fix-xogħol tal-Mulej. Ħalli jiena nenfasizza lin-nisa li jaqraw dan il-materjal, li intom għandkom xogħol x'tagħmlu u intom tistgħu tfissru ħafna għax-xogħol tal-knisja. Intom għandkom tkunu bieżla f'li tgħinu fit-tixrid tal-Kelma ta' l-Evanġelju jekk intom tridu li tkunu sal-vati intom infuskom.

Meta Kristu ta l-Kummissjoni l-Kbira u qal, "Morru intom," din il-"Morru intom" kienet tfisser lin-nisa kienu nklużi. "Imma x'nista' nagħmel jien bħala mara?" ħafna jistaqsu. Meta jiġi għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ, inti tista' tagħmel ħafna. Bħala mara inti tista' tgħallem priv-atament minn jum għal jum. Jekk Priskilla għamlet dan, inti tista' tagħmlu wkoll. Hija għenet tgħallem raġel it-triq tal-Mulej. In-nisa jistgħu jgħallmu fid-djar tagħhom. X'mod aħjar jista' jkun hemm milli mara tibda tgħallem fid-dar tagħha. Dan jista' jsir mat-tfal u ma' l-adulti l-istess.

In-nisa jistgħu jmorru minn dar għal dar jgħallmu l-Kelma ta' Alla. Huma ħafna l-opportunitajiet li jkunu mitlufa kull ġimgħa minn nisa. Waqt li oħrajn joħorġu barra mid-dar, hija tkun tista' tgħallem nisa oħra fil-Kel-ma tal-Mulej. Ikkunsidra kemm il-knisja tikber jekk in-nisa fil-knisja joħorġu matul il-jum u jgħallmu. Mhux il-ġurnata kollha u kull ġurnata, imma *xi ftit* kull ġimgħa.

In-nisa jistgħu jwasslu oħrajn għand Kristu bil-mod tajjeb tagħhom ta' ħajja. Pietru qal,

> "*Hekk ukoll intom in-nisa, għandkom tissottomettu ruħkom għal żwieġkom; biex, jekk x'uħud ma jemmnux il-kel-ma, huma wkoll jistgħu bla l-kelma jin-trebħu bl-imġiba tajba tan-nisa. Meta jaraw l-imġiba qaddisa u l-biża' tagħ-kom*" (1 Pietru 3:1-2).

Nisa li jgħixu ħajja tajba, diċenti, u umli, jagħmlu ħafna f'li jwasslu lil mitlufa għand Ġesù. Hemm tant opri

tajba li huma jistgħu jagħmlu biex jinfluwenzaw oħrajn ħalli jimxu wara l-Mulej. Huma jistgħu jsajru għall-morda u l-imnikta. Huma jistgħu jżuru fl-isptarijiet. Huma jistgħu jistiednu oħrajn fid-dar u juru ospitalità. Huma jistgħu jiktbu ittri lil dawk li jinsabu weħidhom. Huma jistgħu jgħinu fil-ħin tan-niket. Iva, hemm ħafna affarijiet li huma jistgħu jwasslu oħrajn f'relazzjoni ta' għaqda mas-Salvatur.

Mela, kif rajna aktar qabel, id-differenza bejn l-irġiel u n-nisa fil-Kelma ta' Alla hija mhux f'sens ta' superjorità u inferjorità imma f'sens ta' rwoli differenti. L-Iskrittura Mqaddsa tagħmilha ċara li r-raġel u l-mara huma ndaqs f'għajnejn Alla. Il-Mulej juri dan meta Hu kkwota minn Ġenesi 2:24 fejn qal,

> "*…Ma qrajtux, li dak li mill-bidu ħalaqhom għamilhom raġel u mara? U qal: Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u lil ommu, u jingħaqad ma' martu:* ***u t-tnejn isiru ġisem wieħed. Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, iżda ġisem wieħed****. Dak mela li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifridx il-bniedem*" (Mattew 19:4-6; enfasi tiegħi).

Kif jista' jkun hemm xi differenza bejn ir-raġel u l-mara jekk it-tnejn saru *ġisem wieħed* u mhumiex iżjed tnejn? Dan ikompli jurih l-appostlu Pawlu fejn jgħid,

> "*Il-mara m'għandhiex setgħa fuq ġisimha, iżda r-raġel; u* ***l-istess*** *ukoll ir-ra-ġel m'għandux setgħa fuq ġismu,*

> *iżda l-mara*" (1 Korintin 7:4; enfasi tiegħi).

Juri dan il-kliem li hemm xi differenza bejn ir-raġel u l-mara f'sens ta' superjorità u inferjorità? Jekk wieħed jaqra 1 Korintin 11:3 dan ikun jista' jifhem aħjar dak li aħna qegħdin ngħidu:

> "*Iżda jien irridkom tkunu tafu, illi r-ras ta' kull raġel hu Kristu; u r-ras tal-mara hu r-raġel; u ras Kristu hu Alla.*"

L-Iskrittura Mqaddsa tgħidilna ċar li Kristu Hu Alla (Isaija 6:9; Mattew 1:23; Ġwanni 1:1; 8:24; 10:30-33; 21:28; Lhud 1:6-8; eċċ.). Mela x'inhi differenza bejn Kristu u Alla hawn? Id-differenza tikkonsisti fix-xogħol tagħhom u mhux f'sens ta' superjorità jew inferjorità. (ara Ġwanni 17:4-5). Hekk ukoll ir-raġel u l-mara.

Ukoll inkomplu naqraw f'Galatin 3:26-28,

> "*Għax* ***intom ilkoll ulied Alla*** *bil-fidi fi Kristu Ġesù. Għax intom ilkoll li tgħammditu fi Kristu lbistu 'l Kristu. Mhemmx la Lhudi u lanqas Grieg; mhemmx la lsir u lanqas ħieles;* ***mhemmx la raġel u lanqas mara; għax intom ilkoll wieħed fi Kristu Ġesù***" (enfasi tiegħi).

L-Iskrittura tgħidilna bl-aktar mod ċar li "Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd" (Ara Atti 10:34; Rumani 2:22; Galatin 2:6; Efesin 6:9; Kolossin 3:35; 1 Pietru 1:17). Jekk Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd kif jista' Hu jagħmel xi differenza bejn uliedu stess? Aħna lkoll ulied Alla u għalhekk ma jista' jkun hemm ebda

differenza bejnietna f'sens ta' superjorità u inferjorità. Id-diffe-renza li hemm bejn ir-raġel u l-mara tikkonsisti fix-xogħol li hu mogħti lilhom minn Alla Nnifsu. Jekk xi raġel jaħseb jew jip-pretendi li hu superjuri għall-mara dan ikun qiegħed jidneb.

Madwar mitejn mara huma msemmija fil-Bibbja. Aktar minn mitejn mara huwa rriferut għalihom imma mhux bl-isem. Din hija wirja oħra tad-dikjarazzjoni fil-ħolqien tagħha:

> "*U Alla ra kulma għamel, u, ara, kien tajjeb wisq*" (Ġenesi 1:31).

L-istat ta' mara kien eżaltat fis-servizz ta' Alla sa mill-Ħolqien. Il-ġnus pagani, idolatri, u ħżiena biss tad-dinja baxxew id-dinjità tal-mara taħt ir-raġel. Alla issottomettiha għar-raġel BISS fl-awtorità, u meta din tkun użurpata, jiġifieri, li tkun meħuda kontra l-liġi.

## RAĠEL JEW MARA

Ebda mara li hija dak li Alla riedha li tkun ma trid li tkun raġel. Għaliex għandha tkun? Alla għamilha li tkun unika. Ir-raġel ukoll għandu r-rwol uniku tiegħu. Għal mara li tfittex li tkun daqs ir-raġel fl-oqsma koll-ha ikun meħtieġ użu ħażin tal-kwalitajiet kbar tagħha li jagħmluha mara. In-natura tal-mara, l-emozzjonijiet u l-fiżjoloġija tagħha mhumiex ta' raġel. Id-dehra tagħha, l-attributi u l-intuwizzjoni (għarfien tal-moħħ immedjat) huma uniċi għaliha biss. Il-mara hija parti-

kularment addattata minn Alla biex twettaq rwol li ebda raġel ma jista' jilħaq. Lanqas ma hija msawwra biex twettaq ir-rwol tar-raġel fis-soċjetà. Li targumenta mod ieħor huwa li tinjora xi wħud mir-realtajiet l-aktar kbar tal-ħajja. Kien hemm ħafna nisa li ppruvaw jagħmlu dan fil-ħajja imma fallew. Jekk il-mara tipprova tagħmel dan hija tkun ikkundannata għall-falliment totali b'digriet ta' Alla. Xi ħwejjeġ huma fundamentali u inerenti, u din id-differenza bażika hija waħ-da minnhom. Aħna lkoll nagħrfu li għasfur li jħassar il-bejta tiegħu stess huwa għasfur stupidu; hekk ukoll hija l-mara li tixtieq li tikkompeti ma' l-irġiel fuq il-livelli kollha.

Dawk li jfittxu li jbiddlu differenzi bażiċi bħal dawn u li jimplimentaw soċjetà hekk imsejħa "unisex" huma fil-wiri assurdi għal ħafna minna. Huma mhumiex qe-għdin ifittxu egwaljanza imma superjorità. Dan imur direttament kontra t-tagħlim tal-Kelma ta' Alla. Meta aħna niddistingwu bejn il-ħwejjeġ li huma differenti u napprovaw il-ħwejjeġ li huma eċċellenti, aħna nkunu nistgħu nkunu fil-paċi ma' Alla u mal-bniedem, ipp-rovdut li nagħmlu l-għażliet it-tajba. Ħafna jgħaddu minn perjodu ta' ribelljoni u immaturità taż-żgħożija. Imma l-età, l-edukazzjoni, l-esperjenza u l-eċċellenza morali għandhom jieħdu post dawk il-ħwejjeġ. Aħna lkoll għandna l-istorja li minnha nistgħu nieħdu t-tagħ-lim. Aħna għandna dinja li nieżla l-isfel, speċjalment fil-moralità u, jekk l-Evanġelju, il-ħajja u l-esperjenzi ma jistgħux jgħallmuna xi ħaġa, allura aħna ninsabu f'qagħda kritika ħafna, f'sitwazzjoni mingħajr ebda

għajnuna. Ir-raġel għandu responsabbiltà profonda. Hu għandu jieqaf u jkun responsabbli. Kull raġel li juża ħażin il-pożizzjoni tiegħu bħala raġel miżżewweġ, missier jew iben ma jixraqlux li jissejjaħ raġel.

Aħna għandna nduru lura għal Alla u għall-valuri bażiċi tal-moralità. Ma hemm ebda triq qasira għall-problemi tal-ħajja tagħna. In-nisa għandhom jieħdu parti maġġura biex iġibu lura għat-tajjeb il-moralità, l-awtorità u l-ġudizzju tajjeb f'ħajjitna u fi djarna. Huma jinsabu f'pożizzjoni unika. Meta huma jieħdu l-post tar-raġel fis-soċjetà, ir-raġel fid-dar u l-missier fil-familja, il-prezz li n-nisa jkollhom iħallsu jkun għoli wisq. In-nisa jbaxxu lilhom infushom meta huma jirri-bellaw kontra l-awtorità ta' Alla u meta huma jwarrbu l-konsiderazzjonijiet kollha bażiċi tal-ħajja tal-familja. Waqt li aħna lkoll liberi, aħna m'aħniex liberi biex na-għmlu kif forsi aħna nkunu nixtiequ li nagħmlu. Aħna lkoll nogħorku jdejna taħt il-piż tar-responsabbiltà, imma l-maturità, r-rispett, u l-għerf għandhom jirbħu. Il-passi tagħna għandhom ikunu ordnati minn Alla, u nisa tajba Kristjani għandhom ikunu mexxejja f'li jiġġieldu kontra dawk li jopponu l-femminità u l-pożi-zzjoni tagħhom fid-djar tagħna u f'pajjiżna. In-nisa għandhom iġibu lura d-dinjità li huma nisa. Billi tgħix ħajja ordnata, iddedicata, u ta' mħabba, il-mara għan-dha titlob ir-rispett li bid-dritt huwa tagħha. Nisa bħal dawn Alla jberikom.

## ID-DAR U L-FAMILJA

Id-dar hija l-pedament tas-soċjetà kollha u l-mara hija l-bażi tad-dar. Ir-raġel qatt ma fassal arranġament li jista' jkun daqs, wisq anqas jgħaddi, id-dar kif Alla riedha. Mingħajr mara li tirrispetta l-pożizzjoni tagħha u li hija sodisfatta li tkun ir-reġina tal-qasam tagħha, ebda dar ma tkun teżisti kif Alla riedha li tkun. Dan huwa dak li hija kienet f'mod speċjali maħluqa ħalih, biex tibni dar, familja. Kull mara li għandha l-imħabba, rispett u unur ta' raġel li jħobbha, iben jew bint ma teħtieġ ebda difiża għall-eżistenza jew għall-post tagħha fil-ħajja. It-tazza tagħha tfur, it-twettiq tagħha huwa suprem. Il-karriera tagħha hija l-familja tagħha. L-identità tagħha hija tagħha nfisha, hija reali u ppremjata bil-wisq. Il-mara hija r-reġina tal-qasam tagħha u kuntenta li hija hekk. Ebda reġina f'xi saltna qatt ma pprotestat biex tkun ir-re. Nisimgħu dwar ħafna protesti li jsiru dwar l-hekk imsejħa d-drittijiet tan-nisa. Il-mara għandha jkollha l-istess drittijiet li għandhom l-irġiel fil-qasam politiku u soċjali. Imma li l-mara tippretendi li tkun hi r-raġel dan m'għandux ikun. Dan imur direttament kontra l-liġi ta' Alla. Il-qawl l-antik li jgħid, "li l-id li t-tbennen il-bennina taħkem iddinja" huwa wieħed mill-akbar veritajiet li l-bniedem qatt irrealizza. Huwa regola bażika tal-ħajja. Huwa l-ġebla tal-pedament ta' soċjetà fl-ordni u huwa essenzjali għat-tkomplija ta' l-eżistenza tad-dinja.

L-ulied kollha ta' Alla għandhom biss għan wieħed f'moħħhom, u dan huwa li:

> "*Fittxu l-ewwel is-saltna ta' Alla, u l-ħaqq tiegħu*" (Mattew 6:33).

M'għandu jkun hemm ebda lealtà nofs qalb lejn il-Mulej! David qal,

> "*B'qalbi kollha fittixtek: tħallinix nit-biegħed mill-kamdnamenti tiegħek*" (Salm 119:10).

Li persuna tkun qaddeja fidila jinvolvi li tippreżenta ġisi-mha bħala:

> "*…sagrifiċċju ħaj, imqaddes, u li jogħ-ġob 'l Alla: dan hu s-servizz xieraq ta-għkom*" (Rumani 12:1).

Alla qatt ma ħares fuq l-għażż b'favur. Il-Kelma ta' Alla tgħid,

> "*Iżda tilqax ir-romol żgħażagħ: għax meta x-xewqat tagħhom jibdew jegħl-buhom kontra Kristu jiżżewġu; Billi ħaqqhom il-kundanna, għax ma żamm-ewx l-ewwel fidi tagħhom. Barra minn hekk jitgħallmu jitgħażżnu; jiġġerrew minn dar għal dar; u mhux biss jitgħaż-żnu, iżda paċpaċa u seksieka, u jgħidu ħwejjeġ li m'għandhomx jgħiduhom. Għalhekk mela rrid li n-nisa żgħażagħ jiżżewġu, ikollhom it-tfal, imexxu d-dar, u ma jagħtux lill-għadu l-ebda okkażjoni ta' tagħjir. Għax x'uħud diġà daru ma' Satana*" (1 Timotju 5:11-15).

Waqt li kiteb lit-Tessalonikin, l-appostlu Pawlu ta' struzzjoni,

> "*Għax ukoll meta konna magħkom, ordnajnielkom dan: li jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, lanqas m'għandu jiekol*" (2 Tessalonikin 3:10).

Il-mara ġusta,

> "*Tgħasses tajjeb it-tmexxija ta' darha,* ***u ma tikolx ħobż il-għażż***" (Proverbji 31:27; enfasi tiegħi).

Għalhekk, kemm jekk persuna tkun raġel jew mara, Alla jistenna minnhom li jaqduh b'mod diliġenti!

> "*Għalhekk, ħuti maħbubin, żommu sħiħ, la titħarkux, għaddu dejjem 'il quddiem fix-xogħol tal-Mulej, billi tafu li t-taħbit tagħkom ma jkunx ta' xejn fil-Mulej* (1 Korintin 15:58).

L-għerf tas-sema kien intrigat biex jagħmel mara, għajjutanta (*ezer*) taqbel għall-bżonn tar-raġel (Ġenesi 2:18). Hija timla l-post ordnat minn Alla fuq din l-art, u ebda raġel ma jista' jimla dak il-post. Alla għamel lir-raġel il-mexxej (Ġenesi 3:15; 1 Korintin 14:34) u l-mara li timxi warajh, u ebda liġi ta' xi ġisem li jiggverna ma tista' qarr tbiddel dak li Alla poġġa fil-kostituzzjoni tal-ħolqien Tiegħu.

Hija ħaġa ta' niket meta nisa jagħmluha ta' rġiel, u hija ħaġa ta' niket meta rġiel isiru iffeminati. Mhux biss fi ħwejjeġ prattiċi (bħal fil-predikar publiku, stat ta' omm, eċċ.) Alla jrid distinzjoni bejn is-sessi, imma wkoll fil-laqgħa pubblika (1 Korintin 11:18, 2-16). F'laqgħa bħal din hemm żewġ modi li raġel jista' juri nuqqas ta' rispett lejn l-ordni divina: (1) billi jkollu

xagħru twil u (2) li jkollu rasu mgħottija (1 Korintin 11:14, 4). Bl-istess mod hemm żewġ modi li mara tista' turi nuqqas ta' rispett lejn l-ordni divina: (1) billi jkollha xagħarha qasira u (2) billi ma tgħattix rasha (1 Korintin 11:6-7).

Alla għamlek eżattament kif Hu ħaseb li huwa l-aħjar. Hu kien jaf x'ridek li tkun. La r-raġel u lanqas il-mara ma għażlu dak li huma riedu li jkunu. L-għażla hija ta' Alla. Kemm il-mara u kemm ir-raġel għand-hom ikunu kburin dwar is-sess tagħhom. Huma għand-hom jagħmlu dan ukoll waqt il-laqgħat tal-qima. Hija ħaġa ta' għajb għall-mara li fl-imġiba tagħha jkollha minn raġel, tqim b'rasha mikxufa u b'xagħar qasir. Hi-ja ħaġa ta' għajb għal raġel meta hu jidher iffemminat, iqim lil Alla b'rasu mgħottija u b'xagħru twil.

In-nisa m'għandhomx inaqqsu l-valur tagħhom infushom fix-xogħol ta' Alla. Alla għandu bżonn lin-nisa daqs kemm Hu għandu bżonn lil l-irġiel. In-nisa għandhom ikunu studenti diliġenti fil-Kelma ta' Alla l-istess daqs kemm għandhom ikunu l-irġiel, ħaddiema fis-saltna, li jħobbu lil mitlufin, li jkunu eżempji tajba quddiem oħrajn, u li jgħixu skond il-Kelma ta' Alla. B'hekk, mhux biss huma jsalvaw lilhom infushom, imma l-erwieħ ta' oħrajn ukoll.

U
L-GĦATA
TAR-RAS
TAL-MARA

## IT-TAGĦLIM TAL-BIBBJA U L-GĦATA TAR-RAS TAL-MARA

Li tkun ħieles mill-problemi mhux neċesarjament li tkun fi stat imbierek. Xi knejjes m'għandhomx problemi għaliex huma ma huma prattikament qegħdin jagħmlu xejn. Huma jagħlqu għajnejhom għal kollox u ħadd ma jindaħal biex jara x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. Kongregazzjoni ddedikata li jkollha l-istatus quo tista' tiftaħar li m'għandix problemi, iżda din tista' tkun spiritwalment mejta jew rieqda li tkun traġikament għamja għall-istat reali tagħha, eżempju ta' dan insibuh f'Rivelazzjoni 3:1-2; 3:17. Ebda suġġett ma jista' jidher akbar fir-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla mill-awtorità divina. Il-bniedem ikun salv jew mitluf billi jaċċetta jew jirrifjuta l-awtorità divina. Dak li jagħmel awtorità divina jikkonsisti minn dak li Alla awtorizza. Dak li Alla awtorizza għall-biċċa l-kbira wkoll jimplika għal dak li Alla ma awtorizzax.

Li tmur 'il quddiem mil-limit tal-Liġi ta' Alla huwa ksur qalil tal-Liġi Tiegħu l-istess daqs ċaħda stinata biex taqbel magħha (2 Ġwanni 9-11). Il-Liġi ta' Alla hija dak li Alla jippermetti, u meta wieħed imur 'il quddiem mil-limiti spjegati mil-Liġi ta' Alla dan ikun ħati ta' ksur tal-liġi (1 Ġwanni 3:4). Meta persuna fir-reliġjon tmur 'il quddiem mill-kostruzzjoni u l-limiti tal-Liġi ta' Alla, din tkun qed tikkommetti dak l-att li huwa "mhux Skritturali."

> "*Dawn il-Lhud kienu nies ta' qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessaolonika; huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kien minnu*" (Atti 17:11).

Ħalli aħna nagħmlu, kif dawn il-Lhud għamlu, neżaminaw l-Iskrittura Mqaddsa biex naraw jekk, skond l-ewwel ittra ta' Pawlu lill-Korintin, kapitlu 11, versi 2-16, japplikawx għalina llum jew le, jekk mara li qed tgħix fis-seklu li aħna ninsabu fih għandix tgħatti rasha waqt is-servizz ta' qima, f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa jew le. L-Ispirtu s-Santu jgħidilna:

> "*Tkunux bla għaqal, imma ifhmu x'inhi r-rieda tal-Mulej*" (Efesin 5:17).

Dak li jagħlaq għajnejh u widnejh għall-verità ikun bla għaqal.

Xi mistoqsijiet li jiena rrid inwieġeb, li jinġiebu kontra l-għata tar-ras tal-mara waqt is-servizz ta' qima, kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, huma dawn:

1. L-għata tar-ras tal-mara li naqraw dwarha fl-Ewwel Korintin 11:2-16, hija *drawwa* taż-żmien jew ordni minn Alla?
2. Hija din l-għata tar-ras tal-mara applikabbli għall-mara tal-lum jew kienet għal dak iż-żmien biss, jiġifieri, għan-nisa ta' Korintu biss?
3. Kien l-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, qiegħed jagħti struzzjonijiet lill-knisja ta' Korintu *biss* jew lill-ġisem *kollu*, il-knisja?

Dawn huma tliet mistoqsijiet li jagħmlu l-firda kollha li teżisti fost il-ġisem tal-Kristjani llum. Jiena nemmen, li jekk dawn jistgħu jiġu mwieġba *Skritturalment* allura din il-problema li qed tikkawża ħafna nuqqas ta' qbil fost il-Kristjani tkun solvuta.

**L-Ewwel Mistoqsija:** L-għata tar-ras tal-mara li naq-raw dwarha fl-Ewwel Korintin 11:2-16, hija *drawwa* taż-żmien jew ordni minn Alla?

**Tweġiba:** Fl-Ewwel Korintin 11:2-16 aħna nsibu żewġ kelmiet li huma mlissna mill-appostlu ispirat: l-ewwel kelma tinsab f'vers 2, din hija l-kelma *tradizz-jonijiet* u t-tieni kelma hija l-kelma *drawwa* li nsibu f'vers 16.

Dawn iż-żewġ kelmiet, jiġifieri, l-kelma *tradizzjoni-jiet* u l-kelma *drawwa*, huma ċ-ċavetta biex wieħed jif-hem it-tweġiba għal din il-mistoqsija.

1. Il-kelma Griega għal *tradizzjoni* li aħna nsibu fl-Ewwel Korintin 11:2, hija *PARADOSIS*, li tfisser, "għotja, jew li tgħaddi minn wieħed għall-ieħor jew (li jixbaħ għal *paradidoni*, li tgħaddi għall-ieħor, tagħti), turi tradizzjoni, u għaldaqshekk,

b'metonomija (kliem rrettoriku), (a) it-tagħlim tar-Rabbi, interpretazzjonijiet tal-Liġi, li b'dan għalhekk kienu magħmula fiergħa fil-prattika, Mattew 15:2, 3, 6; Mark 7:3, 5, 8, 9, 13; Gal-atin 1:14; Kolossin 2:8; (b) ta' tagħlim appostoliku, 1 Korintin 11:2, V.R. "tradizzjonijiet" (V.A. "ordinan-zi"), ta' istruzzjonijiet li **jikkonċernaw lill-ġabra ta' dawk li jemmnu**. (istruzzjonijiet ta' ħsieb (skop) ikbar mill-ordinanzi fis-sens illimitat); fit-2 Tessalonikin 2: 15, ta' dottrina Kristjana nġenerali, fejn l-użu tal-kel-ma mill-Appostlu tagħmel ċaħda li dak li huwa ppried-ka oriġina minnu nnifsu, u talba għal l-awtorità divina tagħha. (cp. *Paralambano*, biex tirċievi, 1 Kor. 11:23; 15:3); fit-2 Tessalonikin 3:6, din hija wżata dwar struzzjonijiet li jikkonċernaw **l-imġieba ta' kuljum**." (W.E. Vine, an Expository Dict. Of N.T. Words, p. 222. Ara ISBE. p. 3004).

2. Il-Kelma Griega għall-kelma "drawwa" li nsibu fl-Ewwel Korintin 11:16, hija "*SUNETHEIA*," sun, ma' ethos (ara numru 1), turi (a) ħaġa għandha x'taqsam ma' oħra, dħulija, tifsira li ma tinsabx fit-Testment il-Ġdid; (b) drawwa, użu tas-soltu, Ġwanni 18:39; **1 Kor. 11:16**; bil-qawwa tal-vizzju, 1 Kor. 8:7, V.R. "li tkun użat għal" (xi mss hawn għandhom, kuxjenza; fejn V.A., "bil-kuxjenza ta'").

Issa, li għandna l-oriġinal taż-żewġ kelmiet, aħna nistgħu nifhmu aħjar id-diffikultà tagħna u nħollu dak li qiegħed jikkawża ħafna nuqqas ta' ftehim.

Fl-Ewwel Korintin 11:2, l-appostlu ispirat jgħid,

> "*Infaħħarkom, għax tiftakru dejjem fija u żżommu* ***t-tradizzjonijiet*** *li jien għa-ddejtilkom*" (enfasi tiegħi).

Jiena ċert li lkoll naqblu ma' dan il-kliem u ma hemm ebda diffikultà dwar l-interpretazzjoni tiegħu.

Fl-Ewwel Korintin 11:16, l-appstolu Pawlu jgħid,

> "*U jekk xi ħadd jidher li jrid jaqla' l-ġlied, aħna m'għandniex din* ***id-drawwa,*** *l-anqas il-knejjes ta' Alla.*" (enfasi tiegħi).

Mela, jekk il-kelma "drawwa" ta' vers 16 tapplika għal kollox, ċertament li din ma tapplikax għall-għata tar-ras tal-mara imsemmija f'dawn il-versi, jiġifieri, f'vesi 2-16. Xi wħud jinterpretaw dan il-vers (16) li l-kelma *drawwa* tirreferi għal *nisa jattendu għal qima b'rashom mikxufa* waqt li xi wħud jgħidu li din tirreferi *għal li tkun ġellied* mhix id-drawwa tagħna. Dak kollu li din tirreferi għalih, hu x'inhu, din ċertament tidher li qed tirreferi għal xi ħaġa **ġdida** u mhux għall-prattika diġà stabbiltà. Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispir-tu s-Santu, tahom tliet raġunijiet għaliex in-nisa għad-hom jgħattu rashom, mhux biss dawk it-tliet raġunijiet għandhom ikunu biżżejjed biex juru lilhom (u lilna) li l-għata tar-ras tal-mara hija **kmand** minn Alla, imma huwa wkoll wera lilhom li l-prattika diġà stabbilità u msaħħa, jiġifieri, li mara waqt il-laqgħat tal-qima, f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, għandha jkollha rasha mgħottija, u mill-bidu mxew wara t-triq murija minnu, li wera li *l-appostli l-oħra kollha* kienu stabbilixxew din b'regola. Il-mistoqsija tiegħi hawn

hija din: "Jekk l-għata rar-ras tal-mara mhix waħda minn dawk it-tra-dizzjonijiet li huma msemmija f'vers 2 u hija drawwa, mela għaliex din mhix imsemmija bħala drawwa kif aħna nsibu l-kelma f'vers 16?"

Il-verità hija verità u tibqa' eżattament dak li hi bla ma tqis għan-numru ta' kemm jaċċettawha jew le. Il-mistoqsija l-akbar importanti hi: "X'tgħallem il-Bibbja dwar dan?"

L-appostlu ispirat mill-Ispirtu s-Santu, kien qiegħed ifaħħarhom talli:

> *"ftakru dejjem fih u **zammew it-tradi-zzjonijiet** (paradosis) kif għaddihom-lom."*

Aħna nistgħu ninterpretaw dan fi kliem ieħor li jfisser l-istess: "…u żżomm l-istruzzjonijiet li jikkonċernaw lill-ġabra ta' dawk kollha li jemmnu (struzzjonijiet ta' ħsieb akbar mill-ordinanzi fis-sens limitat) kif jien għaddejtilkom." Mistoqsija oħra li nixtieq nagħmel hi din: "X'jgħallem l-Ispirtu s-Santu fil-Kelma Tiegħu dwar nisa li jattendu għall-qima llum b'rashom mik-xufa? Qegħdin aħna ngħixu llum fl-*istess* Epoka Krist-jana ta' dawk in-nisa li huma mfaħħra mill-Ispirtu s-Santu talli għattew rashom? Mhuwiex ir-rakkont li hemm mitkub għalina fil-Kelma ta' Alla, mhux ta' xi skular, imma ta' Alla, miktub bħala eżempju għal kull mara li tgħix fl-Epoka Kristjana ħalli b'hekk tkun taf *eżattament* x'inhu d-dmir tagħha dwar l-għata tar-ras waqt is-servizz ta' qima lil Alla?" (1 Korintin 11:2-16).

Fl-Ittra lil-Lhud, kapitlu 10, vers 25, aħna għandna eżempju ieħor li jsemmi l-kelma *drawwa* (*ethos*) ukoll. Hawn naqraw hekk:

> "*Bla ma nonqsu li niltaqgħu flimkien, bħalma hi* ***d-drawwa*** *ta' x'uħud...*" (enfasi tiegħi).

Il-kelma Griega *ethos* tfisser drawwa jew użanza. Mis-toqsija li nixtieq nagħmel hawn hi din: "X'inhi *d-dra-wwa* msemmija f'Lhud 10:25?" Ċertament li mhix "l-attendenza" jew li "niltaqgħu flimkien." Din id-draw-wa hi li "nonqsu" li niltaqgħu flimkien. Li "nattendu" huwa kmand minn Alla u mhux xi drawwa, imma li "nonqsu" hi drawwa li xi wħud kienu qed jieħdu bħala vizzju. Id-drawwa ma kinetx xi ħaġa diġà stabbilità minn Alla (f'dan il-każ, "li niltaqgħu flimkien") imma xi ħaġa li tbiegħdet mir-rieda ta' Alla (f'dan il-każ, "li nonqsu li niltaqgħu flimkien"). L-istess japplika għal l-għata tar-ras tal-mara waqt is-servizz ta' qima f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa. "Id-drawwa" msemmija fl-1 Korintin 11:2-16 mhijiex l-għata tar-ras imma t-tbe-għid mill-ordni mogħtija minn Alla.

Mela, jekk l-Ispirtu s-Santu *mhux* qiegħed jirreferi għall-għata tar-ras bħala "drawwa" għaliex aħna, sem-pliċi bnedmin, nirreferu għaliha bħala "drawwa"? Qie-għed l-Ispirtu s-Santu jfaħħar drawwa fl-1 Korintin 11: 2-16 jew tradizzjonijiet mgħoddija lilhom? Ħadd ma jista' jipprova mill-Bibbja Mqaddsa li l-għata tar-ras kienet *drawwa* ta' dak iż-żmien, iżda jista' jiġi ppruvat mill-Bibbja li "nisa jattendu għall-

qima b'rashom mik-xufa kienet *drawwa* (1 Korintin 11:16). Ma ninsewx l-eżempju ta' l-appostli:

> "*...Aħna għandna nisimgħu minn Alla aktar milli mill-bnedmin*" (Atti 5:29).

**It-Tieni Mistoqsija:** Hija din l-għata tar-ras tal-mara applikabbli għall-mara tal-lum jew kienet għal dak iż-żmien biss, jiġifieri, għan-nisa ta' Korintu biss?

**Tweġiba:** Vers 5 ta' 1 Korintin 11, jagħtina t-tweġiba għal din il-mistoqsija. Aħna naqraw:

> "*Imma kull mara li titlob jew tipprofetizza, b'rasha mikxufa, tagħmel għajb lil rasha:...*"

Jekk wieħed jeżamina bil-għaqal dan il-vers, fih għandu jsib li l-appostlu ispirat għamel enfasi mhux fuq in-nisa ta' Korintu biss imma fuq KULL MARA ta' l-Epoka Kristjana kollha. Ħalli neżaminaw tassew dan il-vers u naraw x'jgħid tassew.

Hawn, f'dan il-vers, għandna t-tweġiba għall-mistoqsija tagħna mogħtija b'mod l-aktar ċar u sempliċi li wieħed jista' jifhimha.

Il-kelma "kull" hija l-kelma li turi jekk l-għata tar-ras tal-mara tapplikax għan-nisa ta' Korintu biss jew le. Ara fid-dizzjunarju tiegħek, l-ewwel, u sib it-tifsira ta' din il-kelma "kull." It-tifsira hija din:

**KULL** – kull wieħed, kullħadd, kull wieħed minn membru, singlu jew wieħed wieħed." Kif qegħdin naraw, din fiha applikazzjonijiet differenti, u dan għandu jkun ta' tifsira aħjar għalina biex nifhmu aktar it-twe-ġiba tagħna dwar l-għata tar-ras tal-mara waqt

il-qima. Ħaġa li rrid nenfasizza hija din, lit-tweġiba għandha tkun SKRITTURALI KOLLHA KEMM HI. Aħna għandna nħallu l-Kelma ta' l-Ispirtu s-Santu tinterpre-talna hi (2 Pietru 1:20-21). Ħalli naraw, mela xi kliem li l-Bibbja tuża għal din il-kelma tagħna "kull."

## "KULL"

(*pas; hapas; holos; pantos; pamplèthei; hekastos; kata; ana; kath hen; tis ti*)

Il-kliem Grieg ta' fuq, kollu jfisser fil-Malti "kull," "kollox," jew "kollha." Fil-Malti jew fl-Ingliż ("all" jew "every") tintuża kelma waħda jew l-aktar tnejn, imma fil-Grieg hemm kelma għal kull tifsira jew sens, kif sejrin naraw. U għalhekk aħna għandna nħallu l-Kelma tinterpretalna hi u mhux aħna jew xi ħadd ieħor!

1. **1 Korintin 11:3, 4, 5** – "*kull* raġel… *kull* mara..."
    - **Grieg**: <u>*pas*</u> – (kulħadd, <u>kull min hu maħluq</u> jew kull ħaġa li teżisti).
        a. **Kolossin 1:15** – "Hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, il-kbir fost il-ħlejjaq <u>*kollha*</u>."
        b. **Rumani 5:12b** – "…u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin <u>*kollha*</u>, għax <u>*kollha*</u> dinbu."
        c. **Mattew 10:1** – "Sejjaħ lit-tnax-il dixxiplu tiegħu, u tahom is-setgħa fuq l-ispirti ħżiena biex ikeċċuhom, u jfejqu <u>*kull*</u> xorta ta' mard u 'l <u>*kull*</u> min kien nieqes minn saħħtu."

d. **Luqa 21:22** – "Għax dawn huma jiem ta' vendetta, li fihom iseħħ <u>*kull*</u> ma hemm miktub" (Luqa 21:22).

**1 Korintin 1:2**,

> *"Lill-knisja ta' Alla li hemm f'Korintu, lil dawk li tqaddsu f'Ġesù Kristu, imse-jħa biex ikunu qaddisin flimkien ma' dawk* ***<u>kollha</u>*** *li* ***<u>f'kull</u>*** *pajjiż isejħu l-isem ta' Ġesù Kristu Sidna, sew tagħ-hom u kemm tagħna."*

Hawn għandna applikazzjoni mill-aktar ċara dwar l-universalità ta' dak li aħna nsibu miktub dwar l-għata tar-ras tal-mara waqt il-qima. Il-kliem "kollha" u "f'kull" f'dan il-vers ifissru l-istess ħaġa, jiġifieri, il-knijsa KOLLHA, IL-ĠISEM WIEĦED u mhux parti minnu, kongregazzjoni waħda, imma dik il-knisja waħda, *universali*. L-istess kelma Griega hija wżata hawn *pas*, "<u>*kull*</u>", bħal ma hija wżata fl-Iskritturi l-oħra kollha li kkwotajt fuq u oħrajn bħalhom. Din il-kelma "*pas*" hija wżata dwar l-għata tar-ras għal KULL MARA fl-1 Korintin 11:5. M'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-frażi "kull mara" li nsibu fl-1 Korintin 11:5 tapplika għan-nisa kollha kullimkien u mhux għan-nisa ta' Korintu biss! Kieku kinet tapplika għan-nisa ta' Korintu biss, allura kien ikollna kelma Griega oħra u mhux il-kelma *pas* imma kien ikun hemm il-kelma Griega *hekastos* li tfisser "kull wieħed minn numru, kif sejrin naraw aktar wara. Imma xi wħud jippreferu li jaċċettaw it-

tagħlim tal-bnedmin milli dak tal-Kelma ta' Alla! Ħalli nkomplu naraw dwar din il-kelma, "kull."

2. **Mattew 6:32** – "Għax dawn huma *kollha* ħwejjeġ li jfittxuhom il-pagani…"
   - **Grieg:** *hapas* – (kollha jew kollox flimkien)
     a. **Mattew 28:11** – "Huma u sejrin, xi wħud mill-għases marru l-belt għand il-qassisin il-kbar u tawhom l-aħbar ta' *kull* ma kien ġara."
3. **Mattew 1:22** – "Dan *kollu* ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta,…"
   - **Grieg:** *holos* – (il-ħaġa sħiħa, jew kollha)
     a. **Mattew 4:23** – "U dar il-Galilija *kollha* jgħallem fis-sinagogi tagħhom…"
4. **1 Korintin 16:12** – "Dwar Apollos ħuna, ħeġġiġtu ħafna biex jiġi għandkom ma' l-aħwa: iżda ma kenitx *għalkollox* ir-rieda tiegħu li jiġi issa; iżda jiġi meta jkun jista'."
   - **Grieg:** *pantòs* – (għalkollox)
5. **Luqa 23:18** – "Iżda huma qabdu jgħajtu *lkoll* f'daqqa: "Agħtih il-mewt lil dan!…"
   - **Grieg**: *pamplèthei* (kollha flimkien)
6. **Atti 2:6** – "…*kull wieħed* kien jismagħhom jitkellmu bi lsienu stess."
   - **Grieg**: *heis hekastos* – (kull wieħed, individwal-ment)

a. **Mattew 16:27** – "Għax Bin il-bniedem għan-du jiġi fil-glorja ta' Missieru flimkien ma' l-anġli tiegħu, u mbagħad irodd lil *kull wie-ħed* skond ma wieħed ikun għamel."

b. **Mattew 25:15** – Lil wieħed tah ħames ta-lenti, lil ieħor tnejn, u lil ieħor wieħed, *kull wieħed* skond il-ħila tiegħu. U siefer."

c. **1 Korintin 12:18** – "Iżda issa Alla qiegħed il-membri, u *kull* wieħed minnhom, fil-ġisem, kif għoġbu."

Hawn, għalkemm insibu l-kelma *kull*, din ma tfissirx l-istess bħal dik li nsibu fl-1 Korintin 11:5, "*kull* mara…" Din tirreferi għal l-individwu imma dik ta' l-1 Korintin 11:5 tirreferi għall-mara f'sens universali (*pas* u mhux *hekastos*).

7. **Luqa 2:41** – Issa l-ġenituri tiegħu kienu jmorru *kull* sena Ġerusalem għall-festa tal-għid."

- **Grieg:** *kata* – (matul)

a. **Lhud 9:25** – "U daħal hemm mhux biex minn żmien għal żmien joffri lilu nnifsu bħalma l-qassis il-kbir jidħol *kull* sena fis-santwarju biex joffri demm ħaddieħor."

b. **Atti 8:3** – "Imma Sawl kien iħarbat il-knis-ja, billi kien jidħol f'*kull* dar, u jkarkar irġiel u nisa, u jitfagħhom fil-ħabs."

8. **Mattew 20:9** – "Ġew dawk li daħlu għax-xogħol għal xi l-ħamsa u ħadu dinar *kull* wieħed."

- **Grieg:** *ana* – (*biċċa*)

a. **Mattew 20:10** – "Ġew ta' l-ewwel, u stennew li kienu se jirċievu iktar, iżda huma wkoll ħadu dinar *kull* wieħed."

9. **Ġwanni 21:25** – Iżda hemm ukoll bosta ħwejjeġ oħra li għamel Ġesù. Li kieku wieħed kellu jikteb *kollox* ħaġa ħaġa...."

- **Grieg:** *kath hen* – (waħdu jew wieħed wieħed)

   a. **Rumani 12:5** – "Hekk aħna, billi aħna ħafna, ġisem wieħed fi Kristu, u *kull* wieħed membri ta' xulxin."

10. **Mark 15:24** – "Imbagħad sallbuh, u qassmu lbiesu, billi tefgħu x-xorti fuqhom, b'kemm *kull* wieħed jieħu."

- **Grieg:** *tis ti* – (*min*)

Mela, minn dawn id-definizzjonijiet kollha tal-kelma "kull" naraw li, per eżempju:

1. **Atti 2:6** – "KULL wieħed (*heis hekastos*), imma mhux "KULL mara" (*pas*, li tfisser, kull wieħed jew waħda mill-klassi murija minn nom li jkun magħha, eżempju, Mattew 3:10).
2. **Mattew 4:4** – "KULLĦADD" (*pas*) in-nisa KOLLHA, imma mhux *heis hekastos* jew *hekastos* jew *kath hen*.
3. **1 Korintin 12:18** – "KULL, wieħed minn numru" (*hekastos*), imma mhux *pas* jew *heis hekastos* jew *kath hen*.

4. **Rumani 12:4-5** – "KULL, waħdu jew wieħed wieħed" (*kath hen*), imma mhux *heis hekastos* jew *pas* jew *hekastos*.

5. U l-kumplament.

B'dan li aħna għadna kif qrajna, naraw, illi l-għata tar-ras tal-mara waqt il-laqgħat ta' qima f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa hija obligu għall-mara tal-lum. Rajna wkoll, li l-għata tar-ras tal-mara hija mniżżla fil-Kelma ta' Alla, mhux bħala *drawwa* imma bħala wieħed mill-istruzzjonijiet (*paradosis*) li jikkonċernaw lill-ġabra tal-Kristjani. Rajna wkoll, li din taplika għal l-*Epoka Kristjana kollha*.

Mistoqsija importanti li jistħoqqilha tweġiba Skritturali hija din: "Li l-mara tgħatti rasha waqt il-laqgħat ta' qima f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd, huwa dan suġġett ta' fidi jew le?"

Hija l-fehma qawwija u soda tagħna bħala Kristjani li kull ma aħna nagħmlu f'dak li huwa reliġjuż għandu jkun awtorizzat mill-Kelma ta' Alla. Dak kollu li jsir mingħajr "kapitlu u vers" mhuwiex "f'isem il-Mulej," mhuwiex li "timxi bil-fidi," u ma jogħġobx lil Alla. Aħna għandna jkollna l-awtorità biblika għal dak kollu li aħna nagħmlu. Dak kollu li Alla rrivela, aħna għand-na niddefenduh bħala l-verità. Aħna m'għandna nċedu l-ebda parti mill-Kelma ta' Alla, hi x'inhi, għaliex kull parti minnha hija ta' valur għall-bniedem, kieku ma kienx hekk, allura din ma kinetx tkun hemm (Ġwanni 20:30-31).

**Mistoqsija:** "Min jiddeċiedi liema kliem fil-Bibbja hu /mhwiex minn Alla? MIN? Jekk wieħed jiskarta

jew iwarrab parti waħda biss mill-Bibbja (fil-każ tagħna, 1 Korintin 11:2-16), ma jkolliex kull persuna oħra l-istess dritt li tagħmel dan hija wkoll? Id-deċiżjonijiet magħmula fuq problemi "żgħar" iwasslu għal deċiżjo-nijiet oħra ta' suġġetti akbar. L-Iskrittura hija libsa bla ħajt, sħiħa, u meta tarf minnha jiġi maħlul, id-drapp kollu jinħall u din tispiċċa, l-għaqda tagħha tispiċċa fix-xejn.

**Mistoqsija:** "L-għata tar-ras tal-mara waqt is-servizz ta' qima, hija parti minn din il-libsa, minn dak li l-Ispirtu s-Santu rrivela f'dik il-fidi li 'ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin'?" Jekk din hi, allura min-għajr l-ebda diffikultà aħna fid-dmir li niddefenduha bħala li hija l-verità. Jekk aħna nwarrbu l-għata tar-ras tal-mara fil-qima, nistaqsi jien, m'għandhomx id-denominazzjonijiet li jeżistu llum, dan id-dritt ukoll, jiġifieri, li jwarrbu liema parti huma jridu?

Aħna ta' spiss nitkellmu dwar "inferenza" (konklużjoni) neċessarja." Jekk din hi "konklużjoni" din hi neċessarja, u jekk din mhijiex neċessarja din mhix "konklużjoni." Hemm differenza kbira bejn "konkluż-joni" u "assunzjoni" (dak li wieħed jippretendi). Ħafna affarijiet huma msejħa konklużjonijiet li fil-fatt mhu-miex konklużjonijiet.

Meta azzjoni, fatt, jew tagħlim huwa assolutament mitlub, mill-informazzjoni biblika li wieħed ikollu, allura dik l-azzjoni, dak il-fatt, jew dak it-tagħlim huwa "konklużjoni," u għandu jiġi obdut u mwettaq.

**Mistoqsija:** "Għaliex l-għata tar-ras tal-mara fil-qima hija "neċesarja" u għalhekk, "konklużjoni"? Għaliex?

**Tweġiba:** L-ewwelnett, għaliex din hija parti mir-rive-lazzjoni ta' Alla, u mhux tal-bniedem. It-tieni, għaliex "*ma jixraqx li mara titlob xuxa lil Alla*" (1 Korintin 11:13). It-tielet, "*minħabba l-anġli*" (vers 10). Ir-raba', għaliex "l-appostli KOLLHA u l-knejjes KOLLHA ta' Alla ma kinux jagħrfu prattika oħra ħlief dik li mara tgħatti rasha (1 Korintin 11:16). Il-ħames, għaliex per-mezz ta' l-għata tar-ras tagħha, il-mara tkun qiegħda tagħti eżempju ta' kif hija għandha turi postha fl-ordni DIVINA (1 Korintin 11:3-5). Is-sitta, għaliex b'hekk il-mara tkun qiegħda turi li hija ubbidjenti lejn il-Kelma ta' Alla:

> "*Għaliex min iħares il-liġi kollha, u jonqos f'ħaġa waħda, ikun ħati ta' kollox*" (Ġakbu 2:10).

It-Testment il-Ġdid jgħallem ċar ħafna li sabiex nogħoġbu lil Alla aħna għandna:

> "*nimxu bil-fidi, mhux bil-viżjoni*" (2 Korintin 5:7).

Dan, l-istess jiddikjara li:

> "*Il-fidi tiġi mis-smigħ, u s-smigħ bil-kelma ta' Kristu*" (rumani 10:17).

Ovvjament, fejn ma hemmx kelma ma jistax ikun hemm fidi. U l-Bibbja tgħid:

> "*Mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla…*" (Lhud 11:6).

**Mistoqsija:** "Hija l-ordni divina li nsibu fl-1 Korintin 11:3, dwar il-pożizzjoni tar-ras, u l-kmand

fil-każ tal-mara, ir-raġel, Kristu, u Alla *suġġett ta' fidi*? Jiena, personalment, nemmen li hi. Ma jurux versi 4 sa 16 (u hawn wieħed għandu jipprova jifhem sewwa) KIF dik l-ordni għandha tkun irrispettata u KIF din tista' tiġi MWARRBA?

Huwa prinċipju bażiku tat-tifsir (interpretazzjoni) bibliku (Biblical Hermeneutics – Ermenewtika Biblika) li jekk u meta u għad-daqs li Alla jispeċifika l-KIF f'konessjoni ma' l-eżerċizzju ta' xi obligazzjoni li l-KIF isir jorbot sewwasew daqs l-obligazzjoni nfisha; imma hjekk u meta u għad-daqs li Alla m ajurix il-KIF, il-manjiera u l-metodu huma mħollija għall-ġudizzju tal-bniedem, għall-għażla tiegħu." (*Spiritual Sword*, 1973, Vol. 5, num. 1, p. 24.)

**Mistoqsija:** "Juri Alla – KIF fil-konnessjoni ma' l-eżerċizzju ta' obligazzjoni (fil-każ tagħna, l-għata tar-ras tal-mara fil-qima) meta fil-Kelma Tiegħu jgħidilna ċar li:

> "*ma jixraqx li mara titlob 'l Alla xuxa*"*? (1 Korintin 11:13).*

Kif dik l-obligazzjoni tista' tiġi mwettqa, irripsettata jew onorata? It-tweġiba hija sempliċi ħafna, "permezz ta' l-għata tar-ras tal-mara waqt il-laqgħat tal-Kristjani għall-qima f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa."

Aħna għandna ċar il-KIF muri lilna minn Alla Nnif-su fil-Kelma Tiegħu f'konnessjoni ma' l-obligazzjoni tal-mara lejn l-ordni divina dwar il-pożizzjoni tar-ras u l-kmand tal-mara, ir-raġel, Kristu, u Alla, u, kif diġà tennejt, ALLA, u mhux sempliċiment bniedem juri l-KIF ta' kif dik l-ordni

għandha tkun irrispettata u KIF din tista' tiġi mwarrba (1 Korintin 11:4-16).

Fejn m'hemmx kelma, ma jistax ikun hemm fidi, u l-Bibbja tgħid,

> "*mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla…*" (Lhud 11:6).

**Mistoqsija:** Għandna aħna l-Kelma ta' Alla dwar l-għata tar-ras tal-mara? Jista' xi ħadd jiċħad li m'għandniex? Allura, jekk għandna (1 Korintin 11:2-16) mhi-jiex din suġġett tal-fidi?

Raġuni oħra li tista' tkun mogħtija biex turi li l-għa-ta tar-ras tal-mara fil-laqgħat tal-knisja hija suġġett tal-fidi jew att ta' fidi hija din: Il-Mulej tagħna Ġesù Kristu jgħidilna li:

> "*ż-żerriegħa hi l-kelma ta' Alla*" (Luqa 8:11).

Issa, dak li jiena rrid nispjega huwa dan, jekk żerriegħa, ħalli ngħidu tal-lariġ, kienet tiġi miżrugħa fl-Ewwel Seklu x'kienet tipproduċi? Jiena ċert li kulħadd jaqbel li din tipproduċi siġra tal-lariġ. Issa, jekk dik l-istess żerriegħa tiġi miżrugħa llum, fis-seklu tagħna, jista' xi ħadd jgħid li din tipproduċi siġra nofs laring u nofs ħawħ? Jiena ċert li kulħadd jaqbel li din tippro-duċi biss eżattament l-istess xorta ta' siġra tal-lariġ bħal dik li pproduċiet fl-Ewwel Seklu! Din ma tippro-duċix lariġ mingħajr qoxra!

Issa ħalli napplikaw dan l-istess prinċipju għall-Kelma ta' Alla, li hija "ż-żerriegħa," żerriegħa spirit-wali.

**Mistoqsija:** Meta l-Kelma ta' Alla kienet miżrugħa fil-qlub ta' rġiel u nisa fl-Ewwel Seklu, ipproduċiet din nisa Kristjani *bl*-għata tar-ras waqt il-laqgħat? U wkoll irġiel Kristjani *mingħajr* l-għata tar-ras? 1 Korintin 11:2-16 jagħtina t-tweġiba.

**Mistoqsija:** Jekk din l-*istess* Kelma ta' Alla tiġi miżrugħa llum, fis-seklu li aħna ninsabu fih, tipproduċi din nisa Kristjani l-istess bħal dawk ta' l-Ewwel Seklu li għexu f'Korintu, li għexu f'Ruma, li għexu f'Efesu, f'Tessalonika, eċċ.? Wieġeb din il-mistoqsija int li qiegħed taqra dan l-istudju.

Issa, biex nagħmel il-punt tiegħi aktar ċar sejjer nagħti spjega oħra. Il-Kristjani kollha jaqblu li hemm knisja *waħda*, Ras *waħda* ta' dik il-knisja, u Liġi *waħda* għal dik il-knisja. Din il-knisja *waħda* hija l-knisja tat-Testment il-Ġdid. Ir-Ras il-*waħda* Hu Sidna Ġesù Kristu, u l-Liġi *waħda* hija l-Liġi tat-Testment il-Ġdid (Efesin 1:22-23; 4:4-6; Ġwanni 12:48). Aħna lkoll nafu li m'aħniex ngħixu fl-Epoka Patrijarka, lanqas ma aħna qegħdin ngħixu fl-Epoka Lhudija jew Możajka, imma nafu li qegħdin ngħixu fl-Epoka Kristjana. Aħna għandna liġi ġdida u din il-Liġi bdiet torbot fuqna me-ta Ġesù miet fuq is-salib fejn Hu neħħa l-patt il-qadim (Lhud 8:13; 10:9; Kolossin 2:14; Efesin 2:13-16; Rumani 7:4; eċċ.).

**Mistoqsija:** Kienu dawk in-nisa ta' Korintu li għattew rashom waqt il-laqgħat tal-knisja għall-qima qegħ-din jgħixu fl-istess Epoka Kristjana li fiha qegħdin ngħixu aħna llum? Jiena ċert li kulħadd jaqbel li kienu. Mela dan ifisser illi dawk in-nisa

Kristjani ta' l-Ewwel Seklu u dawk tal-lum, tas-seklu li aħna ninsabu fih, huma taħt l-*istess Liġi*, il-Liġi tat-Testment il-Ġdid. Jiena ċert li dwar dan ilkoll kemm aħna naqblu wkoll.

Aħna għandna nżommu l-ħin kollu f'moħħna li l-għajn tal-verità tagħna kollha fit-tagħlim għandha tkun il-Kelma ispirata. Meta nippruvaw ħalli nuru l-validità ta' xi pożizzjoni r-rikors tagħna għandu jkun biss u dejjem il-Kelma ta' Alla. Meta aħna nħossu li żball kien mgħallem jew dan qiegħed jiġi mgħallem, il-kor-rezzjoni ta' dan għandha tiġi biss mill-Kelma ta' Alla. Jekk il-persuna mdaħħla tkun sinċiera u onesta u taċ-ċetta miegħek din il-għajn ta' awtorità, l-iżball jista' jiġi rranġat, ukoll kif fil-każ ta' Apollo (Atti 18:24-28). Jekk aħna rridu li nikbru fil-għerf tagħna dwar Alla jew xbieha tas-Salvatur tagħna, hemm biss għajn waħda għal struzzjoni bħal din. Jekk, mela, aħna nem-mnu dan, għaliex ta' spiss nirreferu għax-xogħol tal-bniedem qabel il-Kelma ta' Alla? Huwa dan għaliex aħna nemmnu biss dan fit-teorija u mhux bl-esperjen-za? Fil-Kelma ta' Alla aħna għandna:

> "*dak kollu li hu meħtieġ għall-ħajja u t-tjieba*" (1 Pietru 1:3).

Huwa dan tabilħaqq magħna? Hija din il-filosofija sinċiera tal-ħajja tagħna? Għandna aħna mmorru barra mit-tagħlim tal-Kelma ta' Alla biex aħna nifhmu fil-problemi reliġjużi tagħna?

Il-Liġi(jiet) tinsab fis-sebgħa u għoxrin ktieb tat-Testment il-Ġdid. Huwa t-Testment il-Ġdid li l-Mulej

tagħna Ġesù Kristu illeġisla għall-Kristjani kollha ta' l-Epoka Kristjana kollha.

Issa ħalli nkomplu bis-suġġett tagħna, jiġifieri, l-għata tar-ras tal-mara jekk hijiex att ta' fidi jew le.

Aħna lkoll nafu, bħala Kristjani, li d-diżubbidjenza *kollha* għar-rieda ta' Alla hija msejħa *dnub*. Ħalli nżommu dan il-ħsieb f'moħħna l-ħin kollu hekk kif aħna nkomplu bis-suġġett tagħna.

1 Korintin 11:4 jgħid hekk:

> "*Kull (pas) raġel li jitolb jew jipprofeti-zza, b'rasu mgħottija, jagħmel għajb lil rasu.*"

**Mistoqsija:** Jekk raġel, fl-Ewwel Seklu, kien jitlob jew jipprofetizza b'rasu mgħottija, kien jagħmel dan dnub jew le? Ċertament li jekk raġel jagħmel għajb lil rasu, lil Kristu, dan jagħmel dnub! Naħseb li lkoll naqblu dwar dan.

1 Korintin 11:5 jgħid hekk:

> "*Kull (pas) mara li titlob jew tipprofeti-zza, b'rasha mikxufa, tagħmel għajb lil rasha…*"

**Mistoqsija:** Jekk mara, fl-Ewwel Seklu, kienet titlob jew tipprofetizza b'rasha mikxufa, kienet hija *tagħmel dnub* jew le? Ċertament li jekk mara tagħmel għajb lil rasha, ir-raġel, *din tagħmel dnub!* U dwar dan ukoll naħseb li lkoll naqblu!

Issa, x'inhu l-punt tiegħi hawn? Il-punt tiegħi huwa dan; Alla, fil-Kelma tiegħu jgħidilna li:

> "*d-dnub hu l-ksur tal-liġi*" (Ġwanni 3: 4).

Dan ifisser illi jekk dawk l-irġiel u nisa f'Korintu fl-Ewwel Seklu kienu qegħdin jgħixu fl-*istess* Epoka Kristjana li qegħdin ngħixu fiha aħna llum, jekk dawk l-irġiel u nisa f'Korintu fl-Ewwel Seklu kellhom l-*istess* Liġi tat-Testment il-Ġdid kif għandna aħna llum, għaliex, mela, tgħid li mhuwiex dnub għall-mara tas-seklu tagħna li tagħti qima lil Alla b'rasha mikxufa, meta dan kien dnub għall-mara fl-Ewwel seklu li tagħ-mel dan? Dan japplika għall-irġiel ukoll. Jekk aħna lkoll qegħdin taħt l-*istess Liġi*, jekk aħna niksru dik il-Liġi, aħna nikkommettu dnub kontra l-Awtur ta' dik il-Liġi. Meta qegħdin nitkellmu dwar "l-Epoka Krist-jana" u "l-Liġi" tagħha, iż-żmien u l-użanza m'għan-dhom x'jaqsmu xejn magħhom (Ara 1 Pietru 1:24-25). L-appostlu Pietru, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, jgħidilna,

> "*Imma ħaġa waħda, maħbubin, għand-kom iżżommu f'moħħkom, li jum wie-ħed quddiem il-Mulej hu daqs elf sena, u elf sena daqs jum wieħed*" (2 Pietru 3:8).

Għall-Mulej ma hemmx żmien, elf sena għall-Mulej huma l-istess daqs li kieku kien jum wieħed. Imma għalina ż-żmien huwa differenti. Aħna nħarsu lejn il-passat, lejn il-preżent u lejn il-futur, imma għall-Mulej dan ma jeżistix. Kif, mela, aħna nistgħu ngħidu li l-għata tar-ras tal-mara kienet biss għan-nisa ta' Korintu u għal dak iż-żmien biss?

**Mistoqsija:** Għal kemm żmien l-għata tar-ras kienet applikabbli f'Korintu? Għal ħames snin, għoxrin sena,

żewġ sekli, għal kemm żmien? U meta waqfet l-għata tar-ras tal-mara milli tkun applikabbli u bl-ordni ta' min?

Jekk raġel jew mara kienu diżubbidjenti għal dak li nsibu miktub fil-Kelma ta' Alla, fil-*fidi li ngħatat* ***darba għal dejjem*** *lill-qaddisin*" (Ġuda 3), jiġifieri, dak li nsibu fl-1 Korintin 11:2-16, u b'din id-diżubbidjenza tagħhom, huma, bla ebda dubju, kienu jikkommettu dnub fl-Ewwel Seklu u f'Korintu, id-dnub kien kontra Kristu, kontra Alla.

Kif aħna qbilna, il-Kristjani ta' l-Ewwel Seklu, inkluż dawk ta' Korintu u dawk tas-seklu tagħna, huma kollha membri tal-knisja *waħda*, huma kollha taħt l-*istess* Ras *waħda*, u huma *kollha* taħt il-*Liġi* tat-Testment il-Ġdid. Issa, aħna qbilna wkoll lid-dnub huwa "*ksur tal-liġi,*" il-liġi tat-Testment il-Ġdid. Jiena ċert li kulħadd jaqbel li KULL (*pas*) dnub jikser xi att ta' fidi għaliex jekk dak li jiġi miksur ma jkollux fuqu l-penalità ta' dnub, allura dan ma jkunx att ta' fidi, imma jekk dan huwa dnub, allura ħadd ma jista' jiċħad li dan huwa att ta' fidi għaliex:

> "*dak kollu li mhux mill-fidi hu dnub*"
> (Rumani 14:23b).

Ma jurix dan ċar li għall-mara li tagħti qima lil Alla, fl-ewwel jum tal-ġimgħa b'rasha mikxufa din tkun qed tikkommetti dak l-att li mhuwiex mill-fidi, din tkun qed tikser il-liġi u b'hekk tkun qed tidneb? Aħna qbil-na wkoll li jekk tagħmel għajb lil rasek tidneb, kemm jekk tkun raġel u kemm jekk tkun mara, tidneb

għaliex tkun qiegħed tagħmel diżunur lil Kristu, u aħna għan-dna:

> "*(ni)ftakru f'dawk li għandhom is-setgħa fuqkom, li xandrulkom il-kelma ta' Alla: ixbħuhom fil-fidi tagħhom, billi tħarsu lejn it-tmiem tal-ħajja tagħhom.* ***Ġesù Kristu l-bieraħ, u llum, Hu l-istess, u jibqa' għal dejjem***" (Lhud 13:7-8).

Mela, jekk dan kien dnub (mhux ksur ta' użanza, imma "ksur tal-liġi") *il-bieraħ*, dan ikun dnub *illum*, u jkun dnub *għada*, u jibqa' jkun dnub *għal dejjem* sat-tmiem taż-żminijiet. Dan hu dak li jagħmel l-għata tar-ras tal-mara *att ta' fidi*:

> "*Għaliex min iħares il-liġi kollha, u jonqos f'ħaġa waħda, ikun ħati ta' kollox*" (Ġakbu 2:10).

Mela aħna,

> "*għandna nisimgħu minn Alla aktar milli mill-bnedmin*" (Atti 5:29).

Aħna għandna,

> "*nibżgħu minn Alla, u nħarsu l-kmandamenti Tiegħu: għax dan hu d-dmir ta' kull bniedem. Għax Alla jagħmel ħaqq minn kulma jsir, minn kull ħaġa moħbija, sew tajba, u sew ħażina*" (Ekkleżjażti 12:13-14).

Aħna m'għandniex ninterpretaw, jew inħallu lil min jiterpetalna dak li l-Ispirtu s-Santu qalilna,

permezz ta' l-appostlu Pawlu. L-Ispirtu s-Santu *ma semmiex* l-għa-ta tar-ras tal-mara fl-1 Korintin 11:2-26 bħala *drawwa* u għalhekk għandna nobdu dak il-kmand mingħajr ma niddubitaw.

Issa aħna niġu għall-mistoqsija importanti ħafna magħmula mill-appostlu ispirat innifsu:

> "*Iġġudikaw intom! Jixraq li mara titlob xuxa lil Alla?*" (1 Korintin 11:13).

L-Ispirtu s-Santu poġġa din il-mistoqsija għall-Epoka Kristjana *kollha*, għal dawk li jsibu lilhom infushom f'xi diffikultà dwar l-għata tar-ras tal-mara waqt is-servizz ta' qima. Hawn wieħed jista' jispejgha dan il-vers b'dan il-mod:

> "*Issa, wara li spjegajt għaliex il-mara għandha tgħatti rasha waqt il-qima, wara li tajt lil* ***kull*** *(pas) mara u lil* ***kull*** *(pas) raġel (versi 4, 5) ir-raġunijiet sa mill-ħolqien (versi 7-7, 12), issa li tafu dan kollu, "iġġudikaw intom" stess, għiduli intom stess, iddeċiedu intom stess, ir-responsabbiltà kollha issa hija fuqkom għaliex tafu r-raġunijiet kollha,* ***Jixraq*** *li mara titlob xuxa lil Alla?*"

"Iġġudikaw intom" (1 Korintin 11:13). Hawn l-appostlu ispirat ipoġġi l-mistoqsija għall-ġudizzju tajjeb tal-qarrejja tiegħu. Ħafna nies li jifhmu l-arranġament Divin jaċċettaw dan bil-ferħ kollu. Dan mhuwiex l-uniku post li aħna nsibu din il-mistoqsija mpoġġija quddiem dawk li kienu qegħdin ifittxu l-verità. Aħna nsibu din

il-mistoqsija mpoġġija quddiem l-istess knisja f'Korin-tu. Fl-1 Korintin 10:15, Pawlu poġġa l-mistoqsija :

*"Iġġudikaw intom kull ma ngħid."*

Hawn, il-Grieg għall-kelma "iġġudikaw," kemm fl-1 Korintin 11:13 u kemm dik ta' 1 Korintin 10:15, huwa l-istess, "*krino*" li jfisser, "primarjament turi biex tis-separa, tgħażel, tagħmel għażla, għalhekk, li tidde-ċiedi, u għalhekk li tiġġudika, tippronunzja l-ħaqq" (Vine, p. 280).

**Mistoqsija:** X'hemm x'wieħed li jrid jissepara, jagħ-żel, jiddeciedi, jiġġudika u jippronunzja l-ħaqq f'dawn iż-żewġ passaġġi mill-Iskrittura, mill-Ittra lill-Korin-tin? Ifisser dan, li billi l-kelma "Iġġudikaw" tfisser li tagħmel għażla, allura aħna fil-libertà li nagħżlu dak li jidhrilna aħna?

Ħalli naraw sewwa x'inhi t-tifsira ta' din il-kelma mis-suġġetti li nsibu f'dawn il-passaġġi, jiġifieri, 1 Korintin 10:15 u 11:13.

Is-suġġett ta' 1 Korintin 10:15 huwa dwar l-idolat-rija: Pawlu jgħid:

*"Nitkellem magħkom bħala nies ta' l-għaqal, għamlu ħaqq intom minn dak li ngħid."*

Jiena ċert li ħadd ma jifhem li permezz ta' dan il-kliem aħna nistgħu nagħżlu l-idolatrija! Jiena ċert li kulħadd jifhem li dan il-kliem ifisser li: "issa, li għandna dak kollu li hu meħtieġ dwar x'inhu sewwa u x'inhu ħażin dwar l-idolatrija, ir-responsabbiltà hija

fuqna, u bħala nies bil-għaqal, nies infurmati tajjeb, għandna nagħm-lu għażla sewwa, għandna nisseparaw dak li hu ħażin minn dak li hu tajjeb, għandna niddeċiedu li nimxu fuq it-triq li nsibu fil-Kelma ta' Alla, għandna nippronunz-jaw kundanna fuq dak li hu ħażin, fil-każ ta' dan is-suġġett, jiġifieri, l-idolatrija, u nippronunzjaw l-ubbid-jenza tagħna lejn dak kollu li hu ispirat mill-Ispirtu s-Santu (Ara Luqa 12:57). Għandna nagħmlu l-istess kif għamlu n-nies ta' Berea:

> "*Dawn kienu aktar ġenerużi minn dawk ta' Tessalonika, billi laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u fittxew fl-iskrittura, jew dawk il-ħwejjeġ kinux hekk*" (Atti 17:11).

Is-suġġett ta' 1 Korintin 11:2-16 huwa l-għata tar-ras tal-mara waqt il-laqgħat tal-Kristjani (il-knisja) kull l-ewwel jum tal-ġimgħa għall-qima li juri li per-mezz ta' din l-għata, il-mara tkun qed turi postha fl-ordni Divina li nsibu f'versi 3-5. X'inhi t-tifsira ta' din il-frażi, "Iġġudikaw intom" li nsibu f'vers 13? Tfisser din li l-mara hija fil-libertà li tagħżel jekk tgħattix rasha jew le? Ċertament li le! Dan ifisser li bħala nies maturi aħna għandna nkunu kapaċi nużaw moħħna, dak il-moħħ mogħti lilna minn Alla. Wara li fiż-żewġ każi, l-appostlu ispirat ta raġunijiet konkreti kontra li wieħed *jibqa' fl'idolatrija* (1 Korintin 10:6-14), u kont-ra li mara *tagħti qima lil Alla xuxa* (1 Korintin 11:2-16), aħna għandna r-responsabbiltà kbira li "*niġġudi-kaw aħna*" billi nimxu fuq il-passi li

mxew fuqhom l-appostli kollha u l-knejjes ta’ Alla (1 Korintin 11:16).

## IX-XAGĦAR TAL-MARA BĦALA GĦATA

Xi wħud jgħidu li l-għata huwa x-xagħar tal-mara għaliex vers 15b jgħid li:

> “*…għax xagħarha mogħti lilha bħala velu.*”

Vers sitta jgħid,

> “*Għax jekk il-mara ma tgħattix rasha, ħa taqta’* **wkoll** *xagħarha: imma jekk hu għajb għall-mara li taqta’ jew tqar-weż xagħarha, ħa tgħatti rasha.*”

Sfortunatament, ħafna mill-verżjonijiet tal-Bibbja, kel-ma li hija ta’ importanza kbira jħalluha barra. Il-verż-jonijiet *kollha* tal-Bibbja bil-Malti jħalluha barra. Din il-kelma hija “*ukoll*” li fil-Grieg hija *kai* u li tinsab f’vers 6. “Ħa taqta’ **wkoll** xagħarha.” Din il-klema turi ċar li hemm **żewġ** velijiet li huma ikkunsidrati, jiġi-fieri, x-xagħar naturali, u l-velu materjali li bih ir-ras hija mgħottija. Ħalli jkun innutat li mill-ħolqien Alla ntenzjona li n-nisa għandhom jilbsu velu (għata) bħala simbolu tas-sottomissjoni tagħhom lejn ir-raġel; imma *minflok* għata artifiċjali, Hu ta lill-mara għata ta’ xagħar. Din kienet biex turi li:

> “*r-raġel mhux mill-mara; iżda l-mara mir-raġel. U l-anqas ir-raġel ma kien*

> *maħluq għall-mara; iżda l-mara għar-raġel*" (1 Korintin 11:8-9).

Ix-xagħar huwa biex ifakkar dan imma mhux biex jagħmel lill-mara inferjuri għar-raġel għax:

> "*Madankollu, fil-Mulej, la r-raġel ma hu mingħajr il-mara, lanqas il-mara mingħajr ir-raġel*" (1 Korintin 11:11).

Alla ta lill-mara għata ta' glorja, ix-xagħar naturali tagħha, waħda li tista' ġustament tkun imkabbra biha. Imma aktar wara, meta l-mara dinbet, Alla ħtieġilha li tilbes *it-tieni* (din id-darba għata artifiċjali) velu, jew għata. L-għata hija l-ħaġa importanti; ix-xorta jew l-istil ta' l-għata hija sekondarja. Dan juri ċar kemm huma żbaljati dawk li jgħidu li l-għata kienet drawwa taż-żmien.

Il-mistoqsija li hija diskussa fl-1 Korintin 11:2-16 mhijiex waħda akkademika, li għandha tkun imqiegħda f'postha permezz tar-raġuni tal-bnedmin. Din hi, għall-kuntrarju, suġġett li huwa mqiegħed fil-fond fil-prinċipji li bihom Alla jiggverna r-razza umana, u speċjalment in-nies Tiegħu li huma fi Kristu Ġesù.

Barra minn dan, il-mistoqsija ma tafx l-awtorità tagħha għall-użanzi tan-nies li għexu matul iż-żmien li l-appostlu Pawlu kiteb dan il-kliem. Ukoll qari fuq fuq tal-passaġġ li issa qegħdin nikkunsidraw juri li Alla intenzjona li r-regolamenti mogħtija hemm għandhom ikunu osservati minn nies Tiegħu fiż-zminijiet KOLL-HA. *Ebda persuna għaqlija ma tafferma li Alla rabat użanza pagana fuq il-knisja Tiegħu!* L-għata tar-ras kienet tintlibes meta l-knisja

kienet tiltaqgħa għall-qima pubblika "*minħabba l-anġli,*" u MHUX sempli-ċiment minħabba użanza tal-bniedem. Użanza bħal din lanqas biss ma hija msemmija *f'din* il-konnessjoni.

Għalhekk Pawlu ta tliet raġunijiet ispirati biex tilbes il-velu jew għata fil-laqgħat pubbliki tal-qima. Mhu-wiex raġjuevoli, mela, quddiem dawn il-fatti, li tik-konkludi li l-mistoqsija kollha hija bbażata fuq użanza umana? Ma jkun qatt! Tassew, hija mistoqsija li tin-volvi r-rieda ta' Alla li Jista' Kollox (Mattew 7:21-23).

## TITLOB JEW TIPPROFETIZZA

1 Korintin 11:4-5,

> "*Kull raġel li jitlob jew jipprofetizza, b'rasu mgħottija, jagħmel għajb lil ra-su. Imma kull mara li titlob jew tippro-fetizza, b'rasha mikxufa, tgħamel għajb lil rasha: għax hu l-istess ħaġa qisu kie-net imqarwża.*"

Huwa importanti ħafna li tkun taf it-tifsir tal-kliem li jinsab miktub f'dawn iż-żewġ versi ispirati li jikk-onċernaw "l-għata tar-ras" tal-mara fil-laqgħa tal-qima kull l-ewwel jum tal-ġimgħa u li jikkonċernaw il-pożi-zzjoni tar-raġel ukoll. Mela, ħalli naraw x'aħna aħna obligati, bħala rġiel u nisa, li nagħmlu dwar din il-ħaġa.

"KULL." Kif diġà spjegajt (paġni 7-13), il-kelma "kull" hawn, hija *pas* fl-oriġinali, li tfisser, "kull wieħed mill-klassi murija permezz tan-nom magħqud magħha; il-mod sħiħ ta', mezzi, f'kull okkażjoni, kuljum jew għal dejjem, dawk kollha u xejn inqas, eċċ."

"RAĠEL." Il-kelma Griega għal "raġel" hija *aner* li tirreferi jew għal raġel miżżewweġ jew għal raġel bħa-la raġel kif aħna nsibu l-kelma fl-1 Korintin 3:8. Hija t-tifsira ta' l-aħħar li aħna nsibu fl-1 Korintin 11:4, għaliex jekk il-kelma "kull" tirreferi wieħed mill-klas-si murija permezz tan-nom magħqud magħha, eċċ., ċertament li din mhix qed tirreferi għal raġel miż-żewweġ.

"JITLOB (TITLOB)." Il-Grieg għal din il-kelma huwa, *proseuchomai* li dejjem hija wżata dwar it-talb lil Alla. L-istess kelma tinsab f'ħafna passaġġi bħal Mattew 5:44; 6:5; 26:41; Mark 1:35; 6:46; Luqa 5:16; Atti 1:24; 1 Korintin 14:13, 15; Efesin 6:18; Filippin 1:9 u oħrajn. Hemm tifsiriet oħra tal-kelma "titlob" jew "talb" li aħna nsibu fil-Bibbja, bħal, "li tkun trid, titlob bil-ħniena, Grieg, *deomai*, (Luqa 22:32); li titlob, tinterroga, Grieg, *erotao*, (Luqa 5:3); li tixtieq, Grieg, *euchomai*, (Ġakbu 5:16); u, li ssejjaħ għal, jew maġenb, Grieg *parkaleo*, (Mattew 26:53; Mark 5:17, 18).

Mattew 6:9 juri lilna kif aħna għandna nitolbu:

*"Hekk mela itolbu (proseuchomai):…"*

Hawn aħna għandna l-istess kelma Griega li għandna fl-1 Korintin 11:4, 5.

"JEW." Il-Grieg huwa *E*, jew. Din hija konġunzjoni diżġuntiva (li tifred, li tissepara, li turi għażla bejn żewġ kelmiet). Wieħed mill-użu tagħha huwa biex tid-distingwi ħwejjeġ li jeskludu lil xulxin, jew li jistgħu jieħdu post xulxin." (W.E. Vine, p. 20). Din għandha tifsiriet oħra wkoll, li huma "*eite*," li tfisser, "kemm jekk"; "*ei me*," li tfisser, "jew mhux"; "*mete*," li tfiss-er, "u mhux, lanqas, la" (Ara *Young's Analytical Con-cordance to the Bible*, p. 722).

Wieħed jista' jistaqsi, "Liema waħda minn dawn l-erba' kelmiet aħna għandna fl-1 Korintin 11:4, 5?" Aħna għandna nżommu f'moħħna li l-1 Korintin 11:4, 5 ma jgħidux "Kull raġel li jitlob <u>U</u> jipprofetizza…" "Kull mara li titlob <u>U</u> tipprofetizza…" imma dawn il-versi jgħidu ċar, "kull raġel li jitlob <u>JEW</u> jipprofe-tizza…" u "kull mara li titlob <u>JEW</u> tipprofetizza…." Din hija xi ħaġa li ħafna jonqsu milli jaraw u li hija ta' importanza kbira f'li wieħed jifhem it-tifsira ta' dawn il-versi u li rari hija nnutata. Għalhekk, ħalli naraw x'inhi l-vera tifsira ta' din il-partiċella "jew."

It-tifsira li aħna nsibu fl-1 Korintin 11:4, 5 hija l-istess bħal dik ta' Mattew 6:24, 31; 5:17, 18, 35; 18:8; eċċ. Mattew 6:24 jagħtina spjegazzjoni ċara tat-tifsira tagħha:

> "Ħadd *ma jista' jaqdi żewġ sidien; għax* ***jew*** *jobgħod lil wieħed, u jħobb lill-ieħor;* ***jew*** *iżomm ma' wieħed, u jżeblaħ lill-ieħor. Ma tistgħux taqdu 'l Alla u lil mammona.*"

Il-mistoqsija tiegħi hawn hija din: "Jista' xi ħadd jgħid lit-tifsira hawn tal-kelma "jew" li hija l-istess kelma bħal dik li nsibu fl-1 Korintin 11:4, 5, "*E*" turi xi rel-azzjoni bejn iż-żewġ "sidien"? Din turi l-*esklużjoni* ta' wieħed mill-ieħor. Wieħed ma jistax jaqdi lil Alla u lil mammona.

Għaliex jiena qiegħed ngħid dan? Għaliex xi wħud jinterpretaw 1 Korintin 11:4, 5, bħala lit-talb u l-profe-tizzar huma nvoluti fid-doni mirakolużi, u minħabba dan huma relatati ma' xulxin. Imma l-Grieg huwa ċar u ma jistax ikun miċħud. Li titlob huwa ħaġa waħda u li tipprofetizza huwa totalment ħaġa oħra. Dawn huma totalment żewġ azzjonijiet differenti. Li tgħid lit-talb u l-profetizzar kif insibuhom fl-1 Korintin 11:4, 5 jmor-ru flimkien jew li għandhom l-istess tifsira, jiġifieri, magħqudin flimkien, huwa li tkun wisq mhux Skrit-turali.

Il-kelma l-oħra hija *eite*, kemm jekk, u aħna nsibu din il-kelma wżata fl-1 Korintin 3:22,

> "*Kemm jekk Pawlu, jew Apollos, jew Kefa, jew id-dinja, jew il-ħajja, jew il-mewt, jew il-ħwejjeġ t'issa, jew il-ħwejjeġ li ġejjin; kollox tagħkom.*"

Hawn għandna spjega ċara ħafna li din mhijiex qed teskludi wieħed mill-ieħor imma li wieħed jista' jieħu post l-ieħor. Ħadd ma jista' jgħid li hemm xi differen-za fost dawn l-irġiel Pawlu, Apollos, jew Kefa. Alla ta lil dawn l-irġiel kollha għall-benefiċċju tal-knisja koll-ha kemm hi. Imma jekk, minflok il-kelma Griega

*eite* aħna għandna *E*, allura t-tifsira kienet tkun differenti!

Il-kelma l-oħra hija, *ei me*, jew mhux, li aħna nsibu fit-2 Korintin 3:1,

> "*Se nerġgħu nibdew nirrikmandaw lil-na nfusna? Jew naħtieġu, bħal x'uħud, ittri ta' rakkomandazzjoni għalikom, jew ittri ta' rakkomandazzjoni minn għandkom?*"

Dan il-vers jista' jinqara b'dan il-kliem:

> "*Se nerġgħu nibdew nirrikmandaw lil-na nfusna? Jew (mhux) aħna naħtieġu, bħal x'uħud, ittri ta' rakkomandazzjoni għalikom, jew ittri ta' rakkomandazzjo-ni minn għandkom?*"

Aħna ma nistgħux inpoġġu, minflok il-kelma *ei me* l-kelma *E* jew *eite* mingħajr ma nagħmlu ħsara lit-tifsira tal-vers.

L-aħħar tifsira ta' din il-partiċella "jew" hija, *mete*, li tfisser, "u mhux, inqas, u la." Din aħna nisbuha msem-mija erba' darbiet fit-2 Tessalonikin 2:2,

> "*Nitlobkom biex ma toqogħdux tħawdu raskom malajr u tinħasdu bħallikieku l-miġja ta' jum il-Mulej qorbot, u la jekk tkunu mnebbħin mill-Ispirtu u lanqas jekk tisimgħu xi kelma, u lanqas b'xi ittra taparsi minn għandna.*"

Wieħed għandu jkun attent ħafna meta huwa jkun ikkon-frontat b'diskrepanzi li l-bnedmin joħolqu dwar dak li nsibu fil-Kelma ta' Alla, speċjalment meta naqraw minn din u dik it-traduzzjoni. Per eżempju, kif kont qiegħed nagħmel ir-riċerka tiegħi dwar din il-partiċella "jew," jiena sibt li fit-2 Tessalonikin 2:2 il-Verżjoni Re Ġakbu għandha "lanqas" (neither) li hija korretta, l-ASV (Ame-rican Standard Version) u r-RSV (Revised Standard Version) għandhom "il-wieħed jew l-ieħor" (either) li mhix korretta, il-C. V. (Confraternity Version) għandha "kemm jekk" (whether) li mhix korretta wkoll. Dan juri lilna kemm wieħed għandu jkun attent meta hu jkun qie-għed onestament jipprova jfittex dak li Alla jrid minnu, fil-fatt, dak huwa dak li aħna qegħdin nippruvaw nagħ-mlu dwar l-għata tar-ras tal-mara fil-qima! Kull ma aħna rridu li nagħmlu huwa li nogħġbu lil Alla u mhux lill-bnedmin! Dawn il-verżjonijiet li jiena semmejt huma taj-bin, imma xorta, huma magħmulin mill-bnedmin u għal-hekk għandhom xi żbalji ta' din ix-xorta, li għalkemm huma żbalji żgħar u li ma tantx jiġu nnutati mill-qarrejja tagħhom, dawn huma ta' importanza kbira għall-istudent tal-Bibbja. Dan hu għaliex aħna għandna mmorru għat-test tal-Grieg biex inkunu nafu l-kelma eżatta u t-tifsira eżatta tagħha.

It-tifsira ta' dak li aħna nsibu fit-2 Tessalonikin 2:2, li **ebda waħda** mill-ħwejjeġ imsemmija, jiġifieri, l-ispirtu, il-kelma, ittra minn għandna, m'għandha iddawwarna mis-suġġett imsemmi, jiġifieri, il-verità li ħadd ma jista' jew ikun jista' jaf iż-żmien tal-miġja tal-Mulej li kienet

hekk iffissata, li ħadd ma jista' jgħid b'mod tassew li din tista' tkun magħrufa!

Il-mistoqsija tiegħi hija din: ma jurux dawn it-tifsiriet differenti tal-partiċella "jew" li aħna nsibu fl-1 Korintin 11:4, 5; 3:22; 2 Korintin 3:1; u 2 Tessalonikin 2:2, it-tifsira tassew dwar dak li "jitlob jew jipprofetizza," jiġi-fieri, jekk dawn humiex relatati waħda għal l-oħra jew le? Aħna m'għandniex inwieġbu jew nieħdu t-tweġiba tagħna minn xi interpretazzjoni ta' xi skular, imma t-tweġiba tagħna għandu jkollha *hekk jgħid il-Mulej* tap-poġġjaha!

"TIPPROFETIZZA." Il-Grieg għal dan il-verb huwa, *propheteuo*, li tkun profeta, li titkellem b'ispirazzjoni di-vina; li tbassar: (a) Bl-ideali tgħid minn qabel ġrajjiet tal-futur li għandhom x'jaqsmu speċjalment għas-saltna ta' Alla. (b) Li tgħid 'il quddiem, tiddikjara, ħaġa li tista' biss tkun magħrufa b'ispirazzjoni divina. Mattew 26:28; Mark 14:65; Luqa 22:64; 7:39; Ġwanni 4:19. (ċ) Li toħ-roġ 'il quddiem taħt impuls għal għarrieda fi kliem għoli jew f'tifħir ta' kunsilli divini. Luqa 1:67; Atti 19:6, jew taħt tqanqil bħal dan biex tgħallem, tirrifjuta, twissi, tfar-raġ oħrajn. 1 Korintin 9:4, 5; 8:9; 14:1; 3:5, 24, 31, 39. (d) Li taġixxi bħala profeta, tibgħat l-uffiċċju profetiku. Rivelazzjoni 11:3 (Thayer).

Kif wieħed jista' jara, it-tifsira ta' din il-kelma, "tipp-rofetizza" m'għandha xejn x'taqsam mal-kelma "titlob" li aħna nsibu fl-1 Korintin 11:4, 5, 13. Il-problema ma' xi wħud hija li huma jippruvaw li jgħaqqdu dawn iż-żewġ kelmiet flimkien biex b'hekk dik l-għaqda jew involvi-ment isservi bħala skuża biex iżżomm l-

argument tagħ-hom kontra l-għata tar-ras tal-mara. Imma l-Kelma ta' Alla hija ċara ħafna dwar dan kif jiena diġà spjegajt dwar il-partiċella "jew." Wieħed għandu jiftakar li,

> "*Għax ħajja hi l-kelma t'Alla, u qawwija, u taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar, u tinfed ukoll sa fejn tinfired ir-ruħ mill-ispirtu, u l-ġogi mill-mudullun, u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb*" (Lhud 4:12).

Huwa tassew li doni mirakolużi spiritwali waqfu llum (1 Korintin 13:8-10) u huwa wkoll tassew li l-profezija kienet waħda mid-disa' doni mirakolużi (1 Korintin 12:10), imma li targumenta lit-talb, minħabba li huwa msemmi ma' li tipprofetizza fl-1 Korintin 11:4, 5 waqaf ukoll, huwa li tirrifjuta l-Kelma ta' Alla. Kif, mela, jista' l-Kristjan "*jitlob mingħajr waqfien*"? (1 Tessalonikin 5: 17).

Kieku l-Ispirtu s-Santu ispira lil l-appostlu Pawlu biex jikteb, "kull mara li titlob *eite* (jew) tipprofetizza…" minflok ma kiteb "kull mara li titlob *E* (jew) tipprofetiz-za…" allura aħna għandna, fil-fatt għandna naċċettaw b'qalbna kollha li l-għata tar-ras tal-mara kienet għaż-żmien tad-doni mirakolużi. Imma dak MHUWIEX dak li l-Ispirtu s-Santu jgħid permezz ta' Pawlu, u lkoll nafu xi jgħid l-Ispirtu s-Santu! Mela, għaliex tipprova biex tbiddel dak li l-Ispirtu s-Santu rrivelalna ċar fil-Kelma Tiegħu?

Problema simili hija dik tal-magħmudija, li aħna nsibu f'Mark 16:16. Min għandu jkun salv? Xi wħud

jgħidu, Min jemmen isalva." Imma hija din il-lingwa tal-Mulej tagħna? Oħrajn jgħidu, "Trabi għandhom jitgħammdu." Għal darb'oħra, jiena nistaqsi, hija din il-lingwa tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu? Qiegħed tara, kemm in-nies jitbiegħdu mill-veru tagħlim tal-Kelma ta' Alla! Illum aħna nisimgħu predikaturi jippriedkaw "Min jemmen u mhuwiex mgħammed isalva." Aħna nisimgħu predikatu-ri oħra jippriedkaw li "min ma jistax jemmen u jkollu ftit qtar ta' ilma mbexxex fuq rasu jsalva." Miljuni ta' nies jaċċettaw dan it-tagħlim falz mingħajr l-iċken ħsieb ta' dak li l-Mulej tassew jgħid, mingħajr ma jistaqsu lilhom infushom, "Qiegħed jiena nimxi wara Ġesù jew wara t-tradizzjonijiet u t-tagħlim tal-bnedmin?"

Aħna għandna nkunu attenti ħafna biex ma nagħmlux l-istess ħaġa dwar l-għata tar-ras tal-mara! Xi wħud jgħi-du li l-għata tar-ras kienet użanza taż-żmien, lit-talb u li tipprofetizza huma żewġ doni mirakolużi, u billi d-doni mirakolużi waqfu l-għata tar-ras waqfet jew spiċċat ma-għhom. Imma jiena nerġa' nistaqsi, Hija din il-lingwa ta' l-Ispirtu s-Santu? Aħna rajna ċar x'tgħid l-ispirazzjoni dwar x'inhi l-użanza msemmija fl-1 Korintin 11: 2-16. Rajna ċar ukoll lit-talb m'għandu xejn x'jaqsam ma' li tipprofetizza billi spjegajna t-tifsira ta' l-artiklu diżġuntiv "jew" li nsibu f'versi 4 u 5. Issa jiddependi minn kull Kristjan individwali li jagħżel liema hija t-triq it-tajba, jiġifieri, il-Kelma ta' Alla jew il-kelma tal-bnedmin!

Qabel ma nagħlaq dan l-istudju, jiena nixtieq nippre-żenta test li jikkonsisti minn mistoqsijiet u tweġibiet, imma t-tweġibiet jikkonsistu **biss** minn **ktieb**, **kapitlu** u

**versi** mill-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa u xejn aktar. Aħna għandna nħallu l-Bibbja twieġeb għalina. Imbagħad iddeċiedi int jekk l-għata tar-ras tal-mara hijiex applikabbli għan-nisa taż-żmien tagħna jew le! Dan it-test għandu jservi bħala tweġiba għat-tielet mistoqsija tagħna:

**It-Tielet Mistoqsija:** Kien l-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, qiegħed jagħti struzzjonijiet lill-knisja ta' Korintu *biss* jew lill-ġisem *kollu*, il-knisja?

**Tweġiba:**

## TALB U L-IKLA TAL-MULEJ

## (1 Korintin 11:1-34)

1. Lil min Pawlu imita?
   Tweġiba: 1 Korintin 11:1
2. Għal liema tradizzjonijiet kellhom iżommu il-Korin-tin?
   Tweġiba: 1 Korintin 11:2
3. Xi tradizzjonijiet jistgħu jirrovinawna?
   Tweġiba: Kolossin 2:8
4. Min huwa r-ras ta' Kristu?
   Tweġiba: 1 Korintin 11:3
5. Min huwa r-ras tar-raġel?
   Tweġiba: 1 Korintin 11:3
6. Min huwa r-ras tal-mara?
   Tweġiba: 1 Korintin 11:3
7. Lil min ir-raġel jagħmel għajb meta jitlob b'rasu mgħottija?
   Tweġiba: 1 Korintin 11:4

8. Lil min il-mara tagħmel għajb meta titlob b'rasha mikxufa?
Tweġiba: 1 Korintin 11:5
9. Ras ta' mara mingħajr għata hija l-istess bħal xhiex?
Tweġiba: 1 Korintin 11:5
10. Għaliex raġel m'għandux ikollu rasu mgħottija?
Tweġiba: 1 Korintin 11:7
11. Għal min kienet il-mara maħluqa?
Tweġiba: 1 Korintin 11:9
12. Għal liema kawża l-mara għandha tgħatti rasha?
Tweġiba: 1 Korintin 11:10
13. X'tgħallem in-natura dwar ix-xagħar twil u x-xagħar qasir?
Tweġiba: 1 Korintin 11:10
14. Kif għandha din il-kustjoni tkun ittrattata jekk jinqala l-inkwiet, jiġifieri, nuqqas ta' ftehim?
Tweġiba: 1 Korintin 11:16
15. Għaliex Pawlu ma kienx jista' jfaħħar lill-knisja f'Korintu?
Tweġiba: 1 Korintin 11:17
16. X'kien hemm jeżisti fost il-membri f'Korintu?
Tweġiba: 1 Korintin 11:18
17. Kif Pawlu kien jaf li kien hemm firdiet fosthom?
Tweġiba: 1 Korintin 11:19
18. Kif xi wħud kienu qegħdin jieħdu sehem fl-Ikla tal-Mulej?
Tweġiba: 1 Korintin 11:20, 21
19. Fejn in-nies għandhom jieklu u jixorbu?
Tweġiba: 1 Korintin 11:22, 34

20. Min talab ħalli l-Ikla tal-Mulej għandha tkun osservata? U għal liema raġuni għandha tiġi osservata?
    Tweġiba: 1 Korintin 11:24, 25
21. Meta l-Ikla tal-Mulej kienet oriġinata?
    Tweġiba: 1 Korintin 11:23
22. Kemm spiss aħna nħabbru l-mewt tal-Mulej?
    Tweġiba: 1 Korintin 11:26
23. Min ikun ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej?
    Tweġiba: 1 Korintin 11:27
24. X'għandu kull wieħed jagħmel qabel ma jieħu l-Ikla tal-Mulej?
    Tweġiba: 1 Korintin 11:28
25. Xi ngħidu dwar dak li ma jagħrafx il-ġisem?
    Tweġiba: 1 Korintin 11:29
26. X'kien ġara lil xi wħud li naqsu milli jobdu l-kmand ta' vers 28?
    Tweġiba: 1 Korintin 11:30
27. Għaliex aħna nkunu mwiddba mill-Mulej?
    Tweġiba: 1 Korintin 11:32

Issa, l-mistoqsija tiegħi hija din: Taqbel int mat-tweġibiet mogħtija, mhux minni, imma mill-Ispirtu s-Santu Nnifsu? Jekk iva, allura int għandek taċċetta t-tagħlim ta' l-għata tar-ras tal-mara waqt is-servizz ta' qima lil Alla f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd, għaliex it-tweġi-biet mogħtija dwar l-għata tar-ras tal-mara huma mogħti-ja mill-Ispirtu s-Santu u aħna **m'għandna ebda awtorità** biex nibdlu xi waħda jew xi ħaġa minnhom!

## KONKLUŻJONI

Dak li aħna studjajna, jiġiferi, 1 Korintin 11:2-16, l-Ispirtu s-Santu, permezz ta' l-appostlu Pawlu, afferma l-prinċipju ta' l-ordni divina u l-pożizzjoni tar-ras.

> "*Iżda jien irridkom tkunu tafu, illi r-ras ta' kull raġel hu Kristu; u r-ras tal-mara hu r-raġel; u ras Kristu hu Alla*" (1 Korintin 11:3).

Aħna rajna li din l-ordni tal-pożizzjoni tar-ras **mhijiex** waħda ta' superjorità imma waħda ta' awtorità. Kif din l-awtorità hija eżerċitata f'mod bil-biża' ta' Alla, din tip-produċi armonija u barka u paċi. Aħna eżaminajna fil-qosor ir-relazzjoni ta' Alla u Kristu biex nitgħallmu t-tifsira tal-pożizzjoni tar-ras għar-relazzjoni tar-raġel u l-mara. Ġesù qal,

> "*Jiena u Missieri ħaġa waħda aħna*" (Ġwanni 10:30).

Dan jitkellem dwar **egwalità**. F'okkażjoni oħra, Ġesù qal fis-sustanza,

> "*Jiena m'iniex waħdi, f'dak li qiegħed nagħmel*" (Ġwanni 8:16).

Dan jitkellem dwar **kooperazzjoni**. Ġesù qal, fit-tielet okkażjoni,

> "*…Jien nagħmel dejjem dawk il-ħwejjeġ li jogħġbu lilu [il-Missier]*" (Ġwan-ni 8:29).

Dan jitkellem dwar is-**sottomissjoni** ta' l-Iben. Fir-relazzjoni tal-Missier u l-Iben, hemm għarfien mutwali li l-awtorità ultima tgħammar fil-Missier. Il-Missier għandu prijorità funzjonali. Jekk, mela, jiena nistaqsi,

f'relazz-joni li hija *divina għal kollox*, il-pożizzjoni tar-ras u t-tmexxija hija meħtieġa u tajba, kemm aktar huwa hekk fir-relazzjoni umana, dik tar-raġel u l-mara! It-tnejn, ir-raġel u l-mara jagħmlu l-akbar kontribuzzjoni tagħhom u jilħqu l-għola glorja tagħhom meta bil-ferħ iservu l-kapa-ċità li Alla appunta għalihom.

Kif studjajna f'versi 11 u 12, aħna mgħallma lir-raġel u l-mara huma b'mod mutwali dipendenti fuq xulxin. Kull parti hija neċessarja biex tagħmel kompluta l-kuntentizza u l-aħjar ġid ta' l-oħra. Vers 12 ta' l-Ewwel Korintin 11, jgħid,

> "*Għax bħalma l-mara hi mir-raġel, hekk ukoll hu r-raġel mill-mara; iżda kollox minn Alla.*"

"*Il-mara hi mir-raġel*"—jiġifieri, fil-Ħolqien l-ewwel ma-ra kienet magħmula mir-raġel. Għalhekk, (f'dak is-sens), il-mara hija dipendenti fuq ir-raġel. Imma vers 12 ikomp-li, "*hekk ukoll hu r-raġel mill-mara*"—jiġifieri, kull raġel kien imwieled minn mara. Ma jista' jkun hemm ebda raġel fid-dinja llum kieku xi omm ma tatx twelid lilu; u għalhekk (f'dak is-sens), ir-raġel huwa dipendenti fuq il-mara.

Il-mara hija mir-raġel fis-sens li l-ewwel mara kienet magħmula mir-raġel, u r-raġel huwa mill-mara fis-sens li kull raġel hu mwieled minn omm. It-tnejn huma dipen-denti fuq xulxin. Kull meta żewġ partijiet jew aktar jiffu-nzjonaw flimkien (mexxej u ċ-ċittadini tiegħu, anzjani u l-kongregazzjoni tagħhom, għalliem u l-istudenti tiegħu, raġel u martu, missier u wliedu, eċċ.), wieħed għandu jkollu l-post ta' l-awtorità, u l-ieħor

għandu jkollu l-post ta' sottomissjoni. Dan huwa l-pjan ta' Alla għall-ordni, u ċertament li dan jikkontribwixxi għall-pjan għall-ordni u kuntentizza ta' dawk li jissottomettu bil-ferħ. Ir-raġel ma għażilx hu li jkun raġel kif ukoll il-mara ma għażlitx hi li tkun mara. Ħadd ma jista' jgħid li hu superjuri fuq xi ħadd ieħor. Il-Kelma ta' Alla tgħid hekk dwar dan:

> "*Għax intom [irġiel u nisa] ilkoll ulied Alla bil-fidi fi Kristu Ġesù….Mhemmx la Lhudi u lanqas Grieg; mhemmx ilsir u lanqas ħieles;* ***mhemmx la raġel u lanqas mara: għax intom ilkoll wieħed*** *fi Kristu Ġesù*" (Galatin 3:26, 28).

"Intom ilkoll **wieħed** fi Kristu Ġesù." Jekk l-irġiel u n-nisa huma "wieħed" fi Kristu Ġesù allura ċertament li ma jista' jkun hemm ebda superjorità jew inferjorità! Naqraw fl-1 Korintin 7:4, dwar il-miżżewwġin:

> "*Il-mara m'għandhiex setgħa fuq ġisimha, iżda r-raġel: u* ***l-istess*** *ukoll ir-ra-ġel m'għandux setgħa fuq ġismu, iżda l-mara*"

Għaliex dan? Għaliex,

> "*Ma qrajtux, li dak li mill-bidu ħalaqhom għamilhom raġel u mara? U qal: Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u lil ommu, u jingħaqad ma' martu:* ***u t-tnejn isiru ġisem wieħed****. Għalhekk* ***mhumiex iżjed tnejn, iżda ġisem wieħed****…*" (Mattew 19:4-6).

Jekk ir-raġel u martu huma "ġisem wieħed" fejn tidħol is-superjorità u l-inferjorità? Id-differenza bejn ir-raġel u l-mara hija biss fir-rwoli tagħhom. Nerġa' ngħid, it-tnejn, ir-raġel u l-mara, jagħmlu l-akbar kontribuzzjoni tagħ-hom u jilħqu l-għola glorja tagħhom meta huma jservu bil-ferħ fil-kapaċità li Alla appunta għalihom.

Alla, mhux il-bniedem, għażel mezzi viżibbli biex iżo-mmuna konxji dwar l-arranġament appuntat divinament dwar il-pożizzjoni tar-ras tar-raġel u l-mara. Ix-xhieda mogħtija divinament hija li l-mara tgħatti rasha waqt is-servizz ta' qima. Il-mara ma tkun qed bl-ebda mod turi lilha nfisha inferjuri billi tgħatti rasha l-istess daqs kemm ir-raġel ma jkunx qiegħed bl-ebda mod juri lilu nnifsu superjuri meta **ma** jgħattix rasu! Il-mara tgħatti rasha mhux biex tobdi lir-raġel imma biex tobdi lill-Mulej! Jekk xi raġel iħares lejn il-mara bħala li hija inferjuri għalih dan ikun qiegħed jidneb u jkun irid jitlob maħfra.

L-għata tar-ras hija ordinanza biex tippriserva prinċip-ju tat-Testment il-Ġdid. Ir-raġel hu r-ras billi kien maħ-luq l-ewwel fix-xbieha u l-glorja ta' Alla. Ir-raġel kien assenjat divinament għall-pożizzjoni ta' ras fit-tagħmira soċjali (1 Korintin 11:8, 9; Efesin 5:23). Il-mara kienet magħmula għar-raġel, fil-glorja tar-raġel, u assenjata biex tkun f'sottomissjoni (1 Korintin 11:7; 1 Timotju 2: 12, 13). "*Raġel u mara Hu ħalaqhom*" biex huma jkunu jistgħu jiffunzjonaw *flimkien* f'relazzjoni armonjuża. Din ir-relazzjoni hija l-aħjar murija meta l-pjan ta' Alla jkun segwit.

Kull mara li tilbes għata (velu) tar-ras tkun qed tagħti xhieda viżibbli li hija qiegħdha tissuġġetta lilha nfisha

għall-ordni ta' Alla u mhux tal-bniedem! Li tilbes il-velu (jew għata oħra) waqt il-qima lil Alla f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa jagħti lill-mara li hija tkun aċċettata fit-talb (1 Korintin 11:5, 13). Dawn l-Iskritturi jgħallmu, kif diġà rajna, kif mara Kristjana għandha tiġi fil-preżenza ta' Alla ħalli tikseb il-barka Tiegħu. Ir-ras mgħottija tal-mara fit-talb, flimkien ma' qalb umli, penitenti u sotto-messa, jagħmluha eliġibbli għall-wegħdiet divini kollha li Alla għamel lill-bedmin fil-fidwa. L-istess ukoll dan japplika għar-raġel li jitlob b'rasu mikxufa.

Mhuwiex stramb li ħafna li jsejħu lilhom infushom Kristjani jridu li jagħmlu ħwejjeġ kbar għall-Mulej imma mhumiex lesti li jagħmlu l-ħwejjeġ iż-żgħar li jogħġbuh?

Kuntentizza tassew tiġi minn relazzjoni tajba ma' Alla l-Missier u ma' Ibnu, Ġesù Kristu. Din ir-relazzjoni hija miżmuma billi **tagħmel** ir-rieda ta' Alla:

> "*Mhux kull min jgħidli: Mulej, Mulej, jidħol fis-saltna tas-smewwiet: imma dak li jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet*" (Mattew 7:21).

Il-Kelma ta' Alla tgħallem li l-mara għandha tkun suġġetta għar-raġel. Hi għandha tilbes sinjal viżibbli ta' għata fuq rasha bħala xhieda li hi lesta li tkun sottometta għad-disinn ta' Alla. L-għata, bħala sinjal, tibbenefika lilha wkoll fit-talb, għax Alla jkun ferħan li jbierek u jwieġeb għat-talb tal-mara li tieħu postha fl-ordni divina Tiegħu.

Il-mara Kristjana li tieħu postha fl-umiltà u f'sotto-missjoni tkun qed timla rwol ta' unur kbir li ma jista' jimtela minn ħadd aktar. Ir-rwol tagħha la huwa rwol dgħajjef u lanqas bla premju.

Qabel ma nagħlaq dan l-istudju, nixtieq ngħid kelma lin-nisa ħuti fi Kristu kollha: "Meta intom tkunu fil-qima mal-knisja, titolbu intom lil Alla jew le? Jiena ċert li lkoll naqblu li meta talba tintqal minn xi Kristjan din tintqal għan-nom tal-knisja **kollha** u mhux għan-nom ta' l-aħwa rġiel biss! Kulħadd jgħid 'Amen.' Mela, kif xi ħadd jista' jgħid li huwa xieraq għall-mara li titlob lil Alla b'rasha mikxufa?"

Dawk l-aħwa nisa, ubbidjenti u ġusti u ommijiet xi darba sejrin jisimgħu l-leħen jgħidilhom:

> "*…idħol fil-ferħ ta' sidek*" (Mattew 25: 23).

Jalla int li taqra dan tkun wieħed jew waħda minnhom. Jiena nagħlaq bl-appell magħmul mill-appostlu Pawlu:

> "*Issa nitlobkom, ħuti, f'isem Sidna Ġesù Kristu, li lkoll titkellmu l-istess ħaġa, u li ma jkun hemm ebda firda bejnietkom; iżda li tkunu magħqudin għalenija, fehma waħda, u ħsieb wieħed*" (1 Korintin 1:10).

> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, u l-imħabba t'Alla, u x-xirka ta' l-Ispirtu s-Santu, ikunu magħkom ilkoll. Amen*" (2 Korintin 13:14).